Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2025/2095(INI)

24/7/2025

EMENDI
257 - 488

Abbozz ta' rapport
João Oliveira
(PE774.256v01-00)

It-tfassil ta' strateġija ġdida tal-UE kontra l-faqar
(2025/2095(INI))

Emenda 257
Juan Carlos Girauta Vidal, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres, Rachel Blom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. ***Jistieden*** lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jżidu b'mod sinifikanti l-investiment pubbliku f'politiki*** li jiżguraw servizzi pubbliċi universali, ***mingħajr ħlas*** u ta' kwalità għolja, filwaqt li jqisu l-kontribut tagħhom għat-tkissir taċ-ċikli tal-faqar, b'mod partikolari fi kwistjonijiet relatati mal-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, il-protezzjoni soċjali, kif ukoll l-aċċess universali għal akkomodazzjoni deċenti, l-ilma u s-sanità, l-enerġija, it-trasport u l-attivitajiet kulturali u ta' divertiment;	7. ***Jirrakkomanda*** lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***li jappoġġjaw il-politiki*** li jiżguraw servizzi pubbliċi universali, ***aċċessibbli*** u ta' kwalità għolja, filwaqt li jqisu l-kontribut tagħhom għat-tkissir taċ-ċikli tal-faqar, b'mod partikolari fi kwistjonijiet relatati mal-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, il-protezzjoni soċjali, kif ukoll l-aċċess universali għal akkomodazzjoni deċenti, l-ilma u s-sanità, l-enerġija, it-trasport u l-attivitajiet kulturali u ta' divertiment;

Or. en

Emenda 258
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu b'mod sinifikanti l-investiment pubbliku f'politiki li jiżguraw servizzi pubbliċi ***universali***, ***mingħajr ħlas*** u ta' kwalità għolja, filwaqt li jqisu l-kontribut tagħhom għat-tkissir taċ-ċikli tal-faqar, b'mod partikolari fi kwistjonijiet relatati mal-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, il-protezzjoni soċjali, kif ukoll l-aċċess universali għal akkomodazzjoni deċenti, l-ilma u s-sanità, l-enerġija, it-trasport u l-attivitajiet kulturali u ta' divertiment;	7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu b'mod sinifikanti l-investiment pubbliku f'politiki li jiżguraw ***aċċess universali għal*** servizzi pubbliċi ***affordabbli***, ***inklużivi*** u ta' kwalità għolja, filwaqt li jqisu l-kontribut tagħhom għat-tkissir taċ-ċikli tal-faqar, b'mod partikolari fi kwistjonijiet relatati mal-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, il-protezzjoni soċjali, kif ukoll l-aċċess universali għal akkomodazzjoni ***affordabbli, sostenibbli u*** deċenti, l-ilma u s-sanità, l-enerġija, it-trasport u l-attivitajiet kulturali u ta' divertiment;

Or. en

Emenda 259
Martine Kemp, Liesbet Sommen, Regina Doherty, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu b'mod sinifikanti l-investiment pubbliku f'politiki li ***jiżguraw*** servizzi pubbliċi universali, ***mingħajr ħlas*** u ta' kwalità għolja, filwaqt li jqisu l-kontribut tagħhom għat-tkissir taċ-ċikli tal-faqar, b'mod partikolari fi kwistjonijiet relatati mal-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, il-protezzjoni soċjali, kif ukoll l-aċċess universali għal akkomodazzjoni deċenti, l-ilma u s-sanità, l-enerġija, it-trasport u l-attivitajiet kulturali u ta' divertiment;	7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu b'mod sinifikanti l-investiment pubbliku f'politiki li ***joffru*** servizzi pubbliċi universali, ***affordabbli*** u ta' kwalità għolja, filwaqt li jqisu l-kontribut tagħhom għat-tkissir taċ-ċikli tal-faqar, b'mod partikolari fi kwistjonijiet relatati mal-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, il-protezzjoni soċjali, kif ukoll l-aċċess universali għal akkomodazzjoni deċenti ***u affordabbli***, l-ilma u s-sanità, l-enerġija, it-trasport u l-attivitajiet kulturali u ta' divertiment;

Or. en

Emenda 260
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu b'mod sinifikanti l-investiment pubbliku f'politiki li jiżguraw servizzi pubbliċi ***universali,*** mingħajr ħlas u ta' kwalità għolja, ***filwaqt li jqisu l-kontribut tagħhom għat-tkissir taċ-ċikli*** tal-faqar***, b'mod partikolari fi kwistjonijiet relatati mal-edukazzjoni, il-kura*** tas-saħħa, il-protezzjoni soċjali, ***kif ukoll*** l-aċċess ***universali*** għal akkomodazzjoni deċenti, l-ilma u s-sanità, l-enerġija, ***it-trasport u l-attivitajiet kulturali u*** ta' ***divertiment***;	7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu b'mod sinifikanti l-investiment pubbliku f'politiki li jiżguraw servizzi pubbliċi mingħajr ħlas u ta' kwalità għolja, ***inkluża edukazzjoni, edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal mingħajr ħlas u ta' kwalità għolja, bħala mutur importanti biex jitkisser iċ-ċiklu*** tal-faqar***; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinvestu wkoll b'mod partikolari f'oqsma bħall-kura*** tas-saħħa, il-protezzjoni soċjali, ***u*** l-aċċess għal akkomodazzjoni deċenti, l-ilma u s-sanità,

l-enerġija ***u t-trasport; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jrawmu l-koordinazzjoni bejn dawn is-servizzi pubbliċi***, ***kemm jekk permezz ta' ċentri ta' servizzi integrati kif ukoll permezz ta' mekkaniżmi*** ta' ***koordinazzjoni mtejba***;

Or. en

Emenda 261
Aodhán Ó Ríordáin, Marit Maij, Isilda Gomes, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Romana Jerković, Cecilia Strada, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu b'mod sinifikanti l-investiment pubbliku ***f'politiki li jiżguraw servizzi*** pubbliċi universali, mingħajr ħlas u ta' kwalità għolja***, filwaqt li jqisu*** l-kontribut ***tagħhom għat-tkissir taċ-ċikli*** tal-faqar, b'mod partikolari ***fi kwistjonijiet relatati mal-edukazzjoni***, il-kura tas-saħħa, il-protezzjoni soċjali, ***kif ukoll*** l-aċċess universali għal akkomodazzjoni deċenti, l-ilma u s-sanità, l-enerġija, it-trasport u l-attivitajiet kulturali u ta' divertiment;	7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu b'mod sinifikanti l-investiment pubbliku ***f'servizzi*** pubbliċi universali, mingħajr ħlas u ta' kwalità għolja ***u servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali; jissottolinja*** l-kontribut ***ta' tali investiment biex jitkissru ċ-ċikli interġenerazzjonali*** tal-faqar ***u tiġi permessa l-inklużjoni soċjali u tal-impjiegi***, b'mod partikolari ***f'oqsma bħall-indukrar tat-tfal, l-edukazzjoni***, il-kura tas-saħħa, il-protezzjoni soċjali, ***u*** l-aċċess universali għal akkomodazzjoni deċenti, l-ilma u s-sanità, l-enerġija, it-trasport***,*** u l-attivitajiet kulturali u ta' divertiment;

Or. en

Emenda 262
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-	7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-

Istati Membri jżidu b'mod sinifikanti l-investiment pubbliku f'politiki li jiżguraw servizzi pubbliċi universali, mingħajr ħlas u ta' kwalità għolja, filwaqt li jqisu l-kontribut tagħhom għat-tkissir taċ-ċikli tal-faqar, b'mod partikolari fi kwistjonijiet relatati mal-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, il-protezzjoni soċjali, kif ukoll l-aċċess universali għal akkomodazzjoni deċenti, l-ilma u s-sanità, l-enerġija, it-trasport u l-attivitajiet kulturali u ta' divertiment;	Istati Membri jżidu b'mod sinifikanti l-investiment pubbliku f'politiki li jiżguraw servizzi pubbliċi universali, mingħajr ħlas u ta' kwalità għolja, filwaqt li jqisu l-kontribut tagħhom għat-tkissir taċ-ċikli tal-faqar, b'mod partikolari fi kwistjonijiet relatati mal-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, il-protezzjoni soċjali, kif ukoll l-aċċess universali għal akkomodazzjoni deċenti, ***servizzi pubbliċi lokali sostenibbli,*** l-ilma u s-sanità, l-enerġija, it-trasport u l-attivitajiet kulturali u ta' divertiment;
	Or. en

Emenda 263
Villy Søvndal
f'isem il-Grupp ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu b'mod sinifikanti l-investiment pubbliku f'politiki li jiżguraw servizzi pubbliċi universali, mingħajr ħlas u ta' kwalità għolja, filwaqt li jqisu l-kontribut tagħhom għat-tkissir taċ-ċikli tal-faqar, b'mod partikolari fi kwistjonijiet relatati mal-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, il-protezzjoni soċjali, kif ukoll l-aċċess universali għal akkomodazzjoni deċenti, l-ilma u s-sanità, l-enerġija, it-trasport u l-attivitajiet kulturali u ta' divertiment;	7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu b'mod sinifikanti l-investiment pubbliku f'politiki li jiżguraw servizzi pubbliċi universali, mingħajr ħlas u ta' kwalità għolja, filwaqt li jqisu l-kontribut tagħhom għat-tkissir taċ-ċikli tal-faqar, b'mod partikolari fi kwistjonijiet relatati mal-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, ***inkluża l-kura tas-saħħa mentali,*** il-protezzjoni soċjali, kif ukoll l-aċċess universali għal akkomodazzjoni deċenti, l-ilma u s-sanità, l-enerġija, it-trasport u l-attivitajiet kulturali u ta' divertiment;
	Or. en

Emenda 264
João Oliveira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu b'mod sinifikanti l-investiment pubbliku f'politiki li jiżguraw servizzi pubbliċi universali, mingħajr ħlas u ta' kwalità għolja, filwaqt li jqisu l-kontribut tagħhom għat-tkissir taċ-ċikli tal-faqar, b'mod partikolari fi kwistjonijiet relatati mal-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, il-protezzjoni soċjali, kif ukoll l-aċċess universali għal akkomodazzjoni deċenti, l-ilma u s-sanità, l-enerġija, it-trasport u l-attivitajiet kulturali u ta' divertiment;	7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu b'mod sinifikanti l-investiment pubbliku f'politiki li jiżguraw ***intitolamenti soċjali billi jipprovdu*** servizzi pubbliċi universali, mingħajr ħlas u ta' kwalità għolja, filwaqt li jqisu l-kontribut tagħhom għat-tkissir taċ-ċikli tal-faqar, b'mod partikolari fi kwistjonijiet relatati mal-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, il-protezzjoni soċjali, kif ukoll l-aċċess universali għal akkomodazzjoni deċenti, l-ilma u s-sanità, l-enerġija, it-trasport u l-attivitajiet kulturali u ta' divertiment;
	Or. pt

Emenda 265
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jisħaq li l-aċċess għal nutrizzjoni tajba għas-saħħa u affordabbli huwa ħtieġa essenzjali, b'mod partikolari għall-individwi u l-familji li jesperjenzaw faqar estrem; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw il-provvista konsistenti ta' ikel affordabbli u nutrittiv, b'mod partikolari għat-tfal, l-anzjani li jgħixu waħedhom, u l-komunitajiet emarġinati; jissottolinja l-importanza li l-appoġġ għan-nutrizzjoni jiġi integrat fis-sistemi ta' protezzjoni soċjali, inkluż permezz tad-distribuzzjoni tal-ikel jew vawċers, programmi ta' ikliet fl-iskejjel għat-tfal fil-bżonn u miżuri mmirati matul il-vaganzi tal-iskola;
	Or. en

Emenda 266
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jissottolinja li l-miżuri ta' sostenibbiltà ambjentali u ta' tranżizzjoni klimatika jridu jiġu implimentati b'mod soċjalment ġust u inklużiv, filwaqt li jiġi żgurat li l-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx ma jitgħabbewx b'mod sproporzjonat mill-ispejjeż tar-riformi ekoloġiċi; jappella sabiex l-affordabbiltà tal-ħtiġijiet bażiċi – bħall-akkomodazzjoni, l-enerġija u t-trasport – tibqa' prinċipju gwida fil-politiki kollha tal-iżvilupp ekoloġiku;

Or. en

Emenda 267
João Oliveira, Marie Toussaint, Marit Maij, Pasquale Tridico, Hristo Petrov, Estrella Galán, Pernando Barrena Arza, Giorgos Georgiou, Lynn Boylan, Leila Chaibi, Damien Carême, Anthony Smith, Vicent Marzà Ibáñez, Marina Mesure, Sirpa Pietikäinen, Dario Tamburrano, Murielle Laurent, Eric Sargiacomo, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrevedu l-leġiżlazzjoni rilevanti sabiex jipprojbixxu b'mod espliċitu d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-istatus soċjoekonomiku, filwaqt li jirrikonoxxu l-intersezzjoni tagħha ma' forom oħra ta' diskriminazzjoni; jissottolinja li hija meħtieġa bażi ġuridika ċara biex jiġu żgurati drittijiet infurzabbli u protezzjoni għall-persuni li jesperjenzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali;

Or. en

Emenda 268
Liesbet Sommen, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lir-reġjuni jaħdmu flimkien, flimkien mas-soċjetà ċivili, biex jippromwovu edukazzjoni ta' kwalità bħala pilastru essenzjali fil-ġlieda kontra l-faqar; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tintegra edukazzjoni ta' kwalità fi strateġiji, pjanijiet ta' azzjoni u pjanijiet direzzjonali futuri mmirati lejn l-inklużjoni soċjali u t-tisħiħ ta' Ewropa soċjali b'saħħitha;

Or. en

Emenda 269
Martine Kemp, Liesbet Sommen, Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jappoġġjaw lill-familji vulnerabbli u speċjalment lit-tfal permezz ta' indukrar tat-tfal bikri, aċċessibbli u affordabbli, filwaqt li jissottolinja l-importanza li jingħata tali appoġġ minn età żgħira biex jinkiser iċ-ċiklu tal-faqar, inkluż permezz ta' aċċess għal edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal ta' kwalità;

Or. en

Emenda 270
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jilqa' l-fatt li kważi l-Istati Membri kollha huma mistennija jżidu l-investiment pubbliku fl-2025[1a], u dan huwa meħtieġ biex jiġi żgurat aċċess għal servizzi pubbliċi ta' kwalità u biex jintlaħqu l-għanijiet tal-EPSR; ifakkar li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) tista' tiġi mobilizzata mill-Istati Membri sal-31 ta' Diċembru 2026 u jistedinhom jagħmlu użu sħiħ u mmirat minn dawn il-fondi sabiex isaħħu s-servizzi pubbliċi tagħhom u jistabbilixxu politiki għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv u l-ġenerazzjoni li jmiss, it-tfal u ż-żgħażagħ[1b];

[1a] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Semestru Ewropew 2025: nagħtu l-ħajja lill-qafas il-ġdid tal-governanza ekonomika" (COM(2024) 705 final).

[1b] Ir-Regolament (UE) 2021/241 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, l-Artikolu 3, il-pilastri (c) u (f).

Or. en

Emenda 271
João Oliveira, Marie Toussaint, Marit Maij, Pasquale Tridico, Hristo Petrov, Estrella Galán, Pernando Barrena Arza, Giorgos Georgiou, Lynn Boylan, Leila Chaibi, Damien Carême, Anthony Smith, Vicent Marzà Ibáñez, Marina Mesure, Dario Tamburrano, Murielle Laurent, Eric Sargiacomo, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jisħaq fuq id-distakk diġitali li qed jikber u l-ħtieġa ta' miżuri biex tiġi indirizzata l-esklużjoni diġitali għal gruppi b'introjtu baxx u emarġinati; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jrawmu l-inklużjoni diġitali ta' gruppi vulnerabbli permezz ta' miżuri li jiżguraw l-aċċess tagħhom għat-teknoloġiji, l-infrastruttura u l-konnettività diġitali, kif ukoll it-taħriġ dwar il-ħiliet diġitali bażiċi;

Or. en

Emenda 272
Martine Kemp, Liesbet Sommen, Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jnaqqsu d-distakk diġitali, li jista' japprofondixxi l-faqar billi jillimita l-aċċess għall-informazzjoni, il-programmi ta' appoġġ, u l-kapaċità ta' adattament għall-ispejjeż li qed jiżdiedu, u jirrakkomanda l-inklużjoni ta' indikaturi ċari għall-monitoraġġ tal-inklużjoni diġitali, speċjalment fost it-tfal;

Or. en

Emenda 273
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jappella għall-integrazzjoni tal-valutazzjonijiet tal-impatt fuq is-saħħa mentali fl-ippjanar urban u l-iżviluppi tal-akkomodazzjoni ffinanzjati mill-programmi tal-UE; jisħaq li l-bliet u l-iskemi tal-akkomodazzjoni għandhom jitfasslu biex inaqqsu l-istress, jippromwovu l-konnessjoni soċjali, u jappoġġjaw il-benesseri emozzjonali;

Or. en

Emenda 274
João Oliveira, Marie Toussaint, Marit Maij, Pasquale Tridico, Hristo Petrov, Estrella Galán, Pernando Barrena Arza, Giorgos Georgiou, Lynn Boylan, Leila Chaibi, Damien Carême, Anthony Smith, Vicent Marzà Ibáñez, Marina Mesure, Dario Tamburrano, Murielle Laurent, Eric Sargiacomo, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7c. Ifakkar li l-użu dejjem akbar tal-algoritmi u s-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali (IA) fis-servizzi pubbliċi essenzjali bħall-aċċess għall-benefiċċji soċjali, il-pulizija, il-ġustizzja, u r-reklutaġġ joħloq riskji sinifikanti li jsaħħu l-forom eżistenti ta' diskriminazzjoni, b'mod partikolari kontra l-persuni li jesperjenzaw il-faqar; jisħaq li tali sistemi algoritmiċi, mid-disinn jew l-implimentazzjoni, filwaqt li għandhom l-għan li jagħmlu s-servizzi pubbliċi aktar aċċessibbli u effiċjenti, jistgħu jimminaw id-drittijiet fundamentali, inkluż id-dritt għan-nondiskriminazzjoni u għall-privatezza;

Or. en

Emenda 275
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7c. Jisħaq li l-aċċess għal servizzi ta' kura fid-djar affordabbli u ta' kwalità huwa essenzjali għall-prevenzjoni tal-faqar u l-esklużjoni soċjali fost il-persuni akbar fl-età, il-persuni b'diżabbiltà, u gruppi vulnerabbli oħra – b'mod partikolari f'żoni rurali u mhux moqdija biżżejjed – u jissottolinja l-ħtieġa li jiġu promossi impjiegi formali u ta' kwalità u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti fl-għoti ta' tali servizzi;

Or. en

Emenda 276
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7d. Jenfasizza l-potenzjal ta' servizzi ta' kura fid-djar aċċessibbli u ffinanzjati tajjeb biex jinħolqu impjiegi stabbli, b'mod partikolari f'reġjuni rurali u b'popolazzjoni li qed tixjieħ; jappella għal programmi mmirati ta' titjib tal-ħiliet u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti għall-ħaddiema tal-kura fid-djar;

Or. en

Emenda 277
João Oliveira, Marie Toussaint, Marit Maij, Pasquale Tridico, Hristo Petrov, Estrella Galán, Pernando Barrena Arza, Giorgos Georgiou, Lynn Boylan, Leila Chaibi, Damien Carême, Anthony Smith, Vicent Marzà Ibáñez, Marina Mesure, Sirpa Pietikäinen,

Dario Tamburrano, Murielle Laurent, Eric Sargiacomo, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7d. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea tippromwovi l-IA etika mid-disinn u tagħmel il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni element ewlieni fir-regolamentazzjoni kollha fil-livell tal-UE relatata mal-intelliġenza artifiċjali;

Or. en

Emenda 278
João Oliveira, Marie Toussaint, Marit Maij, Pasquale Tridico, Hristo Petrov, Estrella Galán, Pernando Barrena Arza, Giorgos Georgiou, Lynn Boylan, Leila Chaibi, Damien Carême, Anthony Smith, Vicent Marzà Ibáñez, Marina Mesure, Dario Tamburrano, Murielle Laurent, Eric Sargiacomo, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7e. Iqis li l-mira ta' diġitalizzazzjoni sħiħa tas-servizzi pubbliċi ewlenin fil-programm tad-Deċennju Diġitali hija inkompatibbli mal-evidenza[1a] li t-tbegħid mis-soluzzjonijiet individwalizzati ta' assistenza soċjali pprovduti mill-Istat jenfasizza l-inugwaljanzi bejn iż-żoni urbani u rurali, l-età u l-gruppi soċjoekonomiċi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw din il-kwistjoni fil-kuntest tal-Istrateġija u tal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali, filwaqt li jiżguraw ir-riżorsi umani meħtieġa fis-servizzi ewlenin tal-amministrazzjoni pubblika;
	1a An Exploratory Study on the Use of Digital Tools by People Experiencing Poverty (Studju Esploratorju dwar l-Użu

ta' Għodod Diġitali minn Persuni li jesperjenzaw il-Faqar), EAPN, 2024

Or. en

Emenda 279
João Oliveira, Marie Toussaint, Marit Maij, Pasquale Tridico, Hristo Petrov, Estrella Galán, Pernando Barrena Arza, Giorgos Georgiou, Lynn Boylan, Leila Chaibi, Damien Carême, Anthony Smith, Vicent Marzà Ibáñez, Marina Mesure, Dario Tamburrano, Murielle Laurent, Eric Sargiacomo, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7f. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrieżaminaw il-politiki u l-miżuri punittivi li jippenalizzaw lill-persuni li jesperjenzaw faqar estrem, bħall-projbizzjonijiet fuq l-irqad fi spazji pubbliċi, ir-restrizzjonijiet fuq it-tallaba, l-ispostament furzat, u s-sanzjonijiet kontra dawk li jipprovdu appoġġ; jenfasizza li tali miżuri spiss jimminaw id-dinjità, jaggravaw l-esklużjoni, u huma kontroproduttivi għall-objettivi tal-inklużjoni soċjali fit-tul;

Or. en

Emenda 280
Juan Carlos Girauta Vidal, Séverine Werbrouck, Rachel Blom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jistieden lill-Kummissjoni ***tappoġġja lill-Istati Membri fil-promozzjoni ta' politika tal-akkomodazzjoni li tiżgura aċċess universali għal dan id-dritt*** u ***li tinkludi kunsiderazzjoni speċifika tas-sitwazzjoni***	8. Jistieden lill-Kummissjoni u ***lill-Parlament Ewropew jirrispettaw il-kompetenza esklużiva tal-Istati Membri dwar l-akkomodazzjoni***;

tal-persuni mingħajr dar; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa pjan biex tissodisfa l-ħtiġijiet tal-akkomodazzjoni taċ-ċittadini kollha tal-pajjiżi tal-UE – inkluż il-ħolqien ta' finanzjament addizzjonali u mmirat tal-UE għall-espansjoni u r-rikwalifikazzjoni tal-istokkijiet ta' akkomodazzjoni pubblika;

Or. en

Emenda 281
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri fil-promozzjoni ta' ***politika*** tal-akkomodazzjoni li ***tiżgura aċċess universali għal dan id-dritt u li tinkludi kunsiderazzjoni speċifika tas-sitwazzjoni tal-persuni mingħajr dar***; jistieden lill-Kummissjoni ***tiżviluppa pjan biex tissodisfa l-ħtiġijiet tal-akkomodazzjoni taċ-ċittadini kollha tal-pajjiżi tal-UE – inkluż il-ħolqien ta'*** finanzjament ***addizzjonali u mmirat*** tal-UE għall-espansjoni u ***r-rikwalifikazzjoni*** tal-istokkijiet ta' akkomodazzjoni ***pubblika***;	8. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri fil-promozzjoni ta' ***politiki*** tal-akkomodazzjoni li ***jinkoraġġixxu l-investimenti pubbliċi-privati u jiżguraw akkomodazzjoni affordabbli permezz ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq is-suq***; jistieden lill-Kummissjoni ***toħloq*** finanzjament ***speċifiku*** tal-UE għall-espansjoni u ***r-rinnovazzjoni*** tal-istokkijiet ta' akkomodazzjoni;

Or. en

Emenda 282
Martine Kemp, Liesbet Sommen, Regina Doherty, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jistieden lill-Kummissjoni	8. Jistieden lill-Kummissjoni

tappoġġja lill-Istati Membri fil-promozzjoni ta' politika tal-akkomodazzjoni li tiżgura aċċess universali għal ***dan id-dritt*** u li tinkludi kunsiderazzjoni speċifika tas-sitwazzjoni tal-persuni mingħajr dar; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa pjan biex tissodisfa l-ħtiġijiet tal-akkomodazzjoni taċ-ċittadini kollha tal-pajjiżi tal-UE – ***inkluż il-ħolqien ta' finanzjament addizzjonali u immirat tal-UE għall-espansjoni u r-rikwalifikazzjoni tal-istokkijiet ta' akkomodazzjoni pubblika***;

tappoġġja lill-Istati Membri fil-promozzjoni ta' politika tal-akkomodazzjoni li tiżgura aċċess universali għal ***akkomodazzjoni deċenti u affordabbli*** u li tinkludi kunsiderazzjoni speċifika tas-sitwazzjoni tal-persuni mingħajr dar; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa pjan biex tissodisfa l-ħtiġijiet tal-akkomodazzjoni taċ-ċittadini kollha tal-pajjiżi tal-UE ***filwaqt li tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà***;

Or. en

Emenda 283
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri fil-promozzjoni ta' politika tal-akkomodazzjoni li tiżgura aċċess universali ***għal dan id-dritt*** u li tinkludi kunsiderazzjoni speċifika tas-sitwazzjoni tal-persuni mingħajr dar; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa pjan biex tissodisfa l-ħtiġijiet tal-akkomodazzjoni taċ-ċittadini kollha tal-pajjiżi tal-UE – inkluż il-ħolqien ta' finanzjament addizzjonali u ***mmirat*** tal-UE għall-espansjoni u ***r-rikwalifikazzjoni*** tal-istokkijiet ta' akkomodazzjoni pubblika;	8. ***Jilqa' l-Pjan Ewropew għal Akkomodazzjoni Affordabbli mħabbar biex jappoġġja lill-Istati Membri sabiex jindirizzaw il-kriżi tal-akkomodazzjoni u ż-żieda qawwija fil-prezzijiet tal-kirjiet u tal-proprjetajiet;*** jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri fil-promozzjoni ta' politika tal-akkomodazzjoni li tiżgura aċċess universali ***għall-akkomodazzjoni*** u li tinkludi kunsiderazzjoni speċifika tas-sitwazzjoni tal-persuni mingħajr dar; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa pjan biex tissodisfa l-ħtiġijiet tal-akkomodazzjoni taċ-ċittadini kollha tal-pajjiżi tal-UE – inkluż il-ħolqien ta' finanzjament addizzjonali u ***speċifiku*** tal-UE għall-espansjoni u ***r-rinnovament*** tal-istokkijiet ta' akkomodazzjoni pubblika ***u privata, b'miżuri speċifiċi li jimmiraw lejn il-persuni li jesperjenzaw il-faqar; jissottolinja r-rwol essenzjali ta' akkomodazzjoni affordabbli u aċċessibbli***

	fl-appoġġ tad-deistituzzjonalizzazzjoni u l-prevenzjoni tal-istituzzjonalizzazzjoni minħabba l-faqar, akkomodazzjoni inadegwata jew nuqqas ta' appoġġ; iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżviluppaw u jiffinanzjaw b'mod adegwat strateġiji nazzjonali għall-akkomodazzjoni li jagħtu prijorità lill-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli, sostenibbli u deċenti għall-persuni fl-aktar sitwazzjonijiet żvantaġġjati; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tirrevedi r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat biex jingħata lok għall-miżuri ta' appoġġ għall-akkomodazzjoni u għall-akkomodazzjoni soċjali;
	Or. en

Emenda 284
Aodhán Ó Ríordáin, Marit Maij, Isilda Gomes, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Romana Jerković, Cecilia Strada, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri fil-promozzjoni ta' politika tal-akkomodazzjoni li tiżgura aċċess universali għal dan id-dritt u ***li*** tinkludi ***kunsiderazzjoni*** speċifika ***tas-sitwazzjoni tal-persuni*** mingħajr dar***; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa pjan biex tissodisfa l-ħtiġijiet tal-akkomodazzjoni taċ-ċittadini kollha tal-pajjiżi tal-UE – inkluż il-ħolqien ta' finanzjament addizzjonali u mmirat tal-UE għall-espansjoni u r-rikwalifikazzjoni tal-istokkijiet ta' akkomodazzjoni pubblika***;	8. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri fil-promozzjoni ta' politika tal-akkomodazzjoni li tiżgura aċċess universali għal dan id-dritt u tinkludi ***azzjoni*** speċifika ***biex tindirizza l-kriżi tal-problema ta' persuni*** mingħajr dar ***b'appoġġ għall-politiki bħall-Akkomodazzjoni l-Ewwel, il-prevenzjoni tal-problema ta' persuni mingħajr dar, protezzjoni soċjali adegwata, u investiment fihom, u miżuri speċifiċi biex tiġi indirizzata l-problema ta' familji u tfal mingħajr dar***;
	Or. en

Emenda 285
Villy Søvndal
f'isem il-Grupp ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri fil-promozzjoni ta' politika tal-akkomodazzjoni li tiżgura aċċess universali għal dan id-dritt u li tinkludi ***kunsiderazzjoni*** speċifika tas-sitwazzjoni tal-persuni mingħajr dar; jistieden lill-Kummissjoni ***tiżviluppa pjan biex tissodisfa*** l-ħtiġijiet ***tal-akkomodazzjoni*** taċ-ċittadini kollha ***tal-pajjiżi*** tal-UE – inkluż il-ħolqien ta' finanzjament addizzjonali u ***mmirat*** tal-UE għall-espansjoni u ***r-rikwalifikazzjoni tal-istokkijiet*** ta' akkomodazzjoni pubblika;	8. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri fil-promozzjoni ta' politika tal-akkomodazzjoni li tiżgura aċċess universali għal dan id-dritt u li tinkludi ***azzjoni*** speċifika tas-sitwazzjoni tal-persuni mingħajr dar***, inklużi n-nisa mingħajr dar li spiss jaħarbu mill-vjolenza maskili, kif ukoll l-aċċessibbiltà tal-akkomodazzjoni għall-persuni b'diżabbiltà u akbar fl-età***; jistieden lill-Kummissjoni ***tiżgura li l-Pjan ta' Akkomodazzjoni Affordabbli tagħha jindirizza*** l-ħtiġijiet ***ta' akkomodazzjoni mhux issodisfati*** taċ-ċittadini kollha ***fil-pajjiżi*** tal-UE – inkluż il-ħolqien ta' finanzjament addizzjonali u ***speċifiku*** tal-UE għall-espansjoni u ***r-rinnovazzjoni tal-istokk*** ta' akkomodazzjoni pubblika ***u soċjali u li jikkontribwixxi għat-trawwim tat-tranżizzjoni minn kura istituzzjonali għal kura bbażata fil-komunità għall-persuni b'diżabbiltà; jisħaq li l-Istrateġija trid tinkludi taqsima ddedikata dwar il-ġlieda kontra l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar, filwaqt li tirrikonoxxiha bħala waħda mill-aktar forom severi u viżibbli ta' faqar u esklużjoni soċjali; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tiżviluppa l-Pjattaforma Ewropea għall-Ġlieda kontra l-Kundizzjoni ta' Persuni Mingħajr Dar (EPOCH) billi żżid il-finanzjament tagħha kemm għall-attivitajiet kif ukoll għall-governanza u tespandi t-tliet flussi ta' ħidma tagħha dwar il-monitoraġġ, it-tagħlim reċiproku, u l-aċċess għall-fondi tal-UE; jitlob li tingħata attenzjoni speċifika lill-gruppi fl-aktar sitwazzjonijiet vulnerabbli, speċjalment it-tfal;**

Or. en

Emenda 286
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Ifakkar li l-Fond Soċjali għall-Klima se jipprovdi għajnuna finanzjarja lill-Istati Membri mill-2026 biex l-unitajiet domestiċi vulnerabbli jiġu megħjuna b'appoġġ għall-introjtu dirett temporanju, miżuri u investimenti maħsuba biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika tal-bini, id-dekarbonizzazzjoni tat-tisħin u t-tkessiħ tal-bini u l-integrazzjoni fil-bini tal-ġenerazzjoni u l-ħżin tal-enerġija rinnovabbli; jistieden lill-Istati Membri jiskambjaw l-aħjar prattiki fil-ġlieda kontra l-faqar enerġetiku, bħall-vawċers tal-enerġija u r-regolamentazzjoni tal-prezzijiet tal-enerġija; jistieden lill-Istati Membri biex fil-Pjanijiet Soċjali għall-Klima nazzjonali tagħhom jagħtu prijorità lil miżuri biex jappoġġjaw lill-gruppi l-aktar vulnerabbli, b'mod partikolari l-unitajiet domestiċi b'wild wieħed jew aktar;

Or. en

Emenda 287
Aodhán Ó Ríordáin, Marit Maij, Isilda Gomes, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Romana Jerković, Cecilia Strada, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-Pjan ta' Akkomodazzjoni Affordabbli

tagħha jissodisfa l-ħtiġijiet ta' akkomodazzjoni taċ-ċittadini kollha fil-pajjiżi tal-UE, b'enfasi partikolari fuq it-tfal vulnerabbli, iż-żgħażagħ u l-komunitajiet emarġinati, b'miżuri bħar-riforma tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat biex ikunu jistgħu jsiru investiment akbar mill-Istati Membri fl-akkomodazzjoni pubblika u soċjali, żieda fil-finanzjament pubbliku u privat għas-settur mingħajr skop ta' qligħ u l-atturi tal-ekonomija soċjali fl-akkomodazzjoni u miżuri biex jissaħħu d-drittijiet tal-kerrejja u tiġi żgurata l-istabbiltà tal-akkomodazzjoni;

Or. en

Emenda 288
João Oliveira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni u l-estensjoni ta' programmi għall-prevenzjoni tal-problema ta' persuni mingħajr dar; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tressaq pjan ta' azzjoni robust b'miri speċifiċi bl-għan li tintemm il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar madwar l-UE sal-2030;

Or. pt

Emenda 289
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Barra minn hekk, l-Istrateġija għandha tippromovi l-aċċess għal akkomodazzjoni għall-kiri affordabbli u adegwata billi tappoġġja skemi ta' akkomodazzjoni soċjali u kooperattivi, limiti massimi għall-kera fejn xieraq, u miżuri għall-prevenzjoni ta' żgumbramenti u spekulazzjoni fis-suq tal-akkomodazzjoni;

Or. en

Emenda 290
Aodhán Ó Ríordáin, Marit Maij, Isilda Gomes, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Romana Jerković, Cecilia Strada, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8b. Jistieden lill-Kummissjoni tinvestiga r-rabta bejn it-telf ta' impjiegi u l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar, b'attenzjoni partikolari għall-ħaddiema migranti f'sitwazzjonijiet prekarji tas-suq tax-xogħol; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri biex jipprevjenu l-problema ta' persuni mingħajr dar b'mod ġenerali u l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar minħabba telf ta' impjieg u kundizzjonijiet ta' impjieg mhux sikuri b'mod partikolari; jenfasizza n-nuqqas ta' statistika dwar il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar fuq livell informali; jinsab partikolarment imħasseb dwar is-sitwazzjoni tat-tfal li jgħixu fil-karozzi jew fil-garaxxijiet; jisħaq fuq il-ħtieġa li tittejjeb b'mod sinifikanti d-data dwar it-tfal mingħajr dar u t-tfal li jgħixu f'akkomodazzjoni mhux xierqa;

Or. en

Emenda 291
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8b. Jisħaq li l-proċedimenti ta' żgumbramenti jridu jiġu segwiti biss bħala miżura estrema; jenfasizza li, meta l-iżgumbramenti jitqiesu assolutament meħtieġa, dawn iridu jkunu akkumpanjati mill-provvista ta' akkomodazzjoni soċjali adegwata u miżuri komprensivi ta' riallokazzjoni biex jiġi żgurat li bħala riżultat l-ebda individwu jew familja ma jisfaw mingħajr dar;

Or. en

Emenda 292
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8b. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw proġetti ta' rinnovazzjoni u espansjoni tal-akkomodazzjoni li jintegraw l-effiċjenza enerġetika u d-disinn infurmat dwar is-saħħa mentali, filwaqt li jirrikonoxxu l-potenzjal doppju tagħhom biex itaffu l-privazzjoni ta' akkomodazzjoni u joħolqu impjiegi b'ħiliet speċjalizzati fil-kostruzzjoni, il-koordinazzjoni tal-kura, u s-servizzi komunitarji;

Or. en

Emenda 293
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8c. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' miżuri biex jiġu eliminati l-ostakli amministrattivi li jipprevjenu lill-individwi mingħajr indirizz irreġistrat, inklużi r-Rom, milli jaċċessaw servizzi essenzjali u forom varji ta' protezzjoni soċjali, peress li dawn l-ostakli jipperpetwaw u japprofondixxu l-faqar u l-esklużjoni; jenfasizza, b'mod partikolari, li l-aċċess għal servizzi essenzjali u benefiċċji soċjali jista' jkun marbut man-numru ta' identifikazzjoni nazzjonali individwali aktar milli ma' indirizz irreġistrat;

Or. en

Emenda 294
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8c. Jistieden lill-Istati Membri jipproteġu lill-persuni li jiffaċċjaw diffikultajiet finanzjarji minħabba t-trattament tal-mard, inkluż aċċess għal-liv tal-mard, pensjonijiet tad-diżabbiltà u intitolamenti għal-liv mediku;

Or. en

Emenda 295
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8d. Jiddispjaċih li l-mira tal-Qafas Strateġiku għar-Rom 2021-2030 dwar it-tnaqqis tad-distakk tal-faqar bejn il-komunitajiet Rom u l-popolazzjoni ġenerali b'mill-inqas nofs għadha 'l bogħod milli tintlaħaq; jenfasizza li l-Istrateġija tal-UE kontra l-Faqar għandha tikkondividi l-għan komuni tal-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali, it-tnaqqis tal-inugwaljanza, u l-indirizzar tad-diskriminazzjoni strutturali mal-Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom u l-Garanzija Ewropea għat-Tfal; jissottolinja l-importanza li jiġi żgurat li dawn l-inizjattivi jiġu implimentati f'sinerġija, b'mod partikolari fl-indirizzar tal-faqar fost it-tfal u t-tkissir taċ-ċiklu tal-iżvantaġġ interġenerazzjonali fost il-familji Rom;

Or. en

Emenda 296
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8e. Jisħaq li l-persuni li jesperjenzaw il-faqar għadhom jiffaċċjaw bosta ostakli fl-aċċess għas-servizzi pubbliċi; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tmur lil hinn mill-approċċ volontarju tal-Qafas Ewropew ta' Kwalità għas-Servizzi Soċjali billi tipproponi qafas komuni għall-kejl u t-tqabbil tal-kwalità, l-affordabbiltà, l-inklużività u l-kopertura tas-servizzi soċjali fl-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-kapaċità tagħhom li jipprovdu servizzi lil persuni li

	jesperjenzaw il-faqar; jistieden ukoll lill-Istati Membri jtejbu t-taħriġ għall-persunal tas-servizz pubbliku biex isaħħu s-sensibilizzazzjoni tagħhom dwar is-sitwazzjoni tal-persuni li jesperjenzaw il-faqar, u jsaħħu l-kapaċità tagħhom li jassistuhom permezz ta' servizzi ta' appoġġ, kif ukoll jiżviluppaw aċċess għal rimedji meta persuna tiġi mċaħħda mill-aċċess għas-servizzi soċjali; jenfasizza li l-prinċipju ta' riferiment għandu jiġi applikat mis-servizzi pubbliċi kollha sabiex in-nies jiġu diretti lejn is-servizzi jew ir-riżorsi xierqa meta l-ewwel punt ta' kuntatt ma jkunx jista' jissodisfa direttament il-ħtiġijiet tagħhom u biex jiġi żgurat li n-nies jirċievu l-appoġġ meħtieġ;

Or. en

Emenda 297
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8f. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jinstab bilanċ bejn il-proċess tad-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi u l-amministrazzjoni u l-ħtiġijiet ta' gruppi vulnerabbli li ma għandhomx it-teknoloġiji diġitali, l-infrastruttura materjali, u l-konnettività jew il-ħiliet biex jaċċessaw dawn is-servizzi online; jistieden lill-Istati Membri jżommu l-għażla ta' appoġġ wiċċ imb wiċċ sabiex jiġi żgurat aċċess ugwali għas-servizzi pubbliċi u jiġi evitat it-twessigħ tad-distakk diġitali; jisħaq li t-taħriġ diġitali fil-litteriżmu diġitali u fil-ħiliet diġitali bażiċi għandu jippermetti lil kulħadd, inklużi l-persuni li jesperjenzaw il-faqar, iħossuhom kunfidenti fit-tranżizzjoni diġitali;

Or. en

Emenda 298
Aodhán Ó Ríordáin, Marit Maij, Isilda Gomes, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Romana Jerković, Cecilia Strada, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw miżuri effettivi mmirati biex jimplimentaw il-prinċipju ta' "paga ugwali għal xogħol ugwali" billi jiġġieldu l-inugwaljanzi u d-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol, b'mod partikolari dawk li jaffettwaw lin-nisa;	***imħassar***

Or. en

Emenda 299
Juan Carlos Girauta Vidal, Séverine Werbrouck

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw miżuri effettivi mmirati biex jimplimentaw il-prinċipju ta' "paga ugwali għal xogħol ugwali" billi jiġġieldu l-inugwaljanzi u d-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol, b'mod partikolari dawk li jaffettwaw lin-nisa;	***imħassar***

Or. en

Emenda 300
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw miżuri effettivi mmirati biex jimplimentaw il-prinċipju ta' "paga ugwali għal xogħol ugwali" billi jiġġieldu l-inugwaljanzi u d-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol, b'mod partikolari dawk li ***jaffettwaw lin-nisa***;	9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw miżuri effettivi mmirati biex jimplimentaw il-prinċipju ta' "paga ugwali għal xogħol ugwali" billi jiġġieldu l-inugwaljanzi u d-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol, b'mod partikolari dawk li ***huma bbażati fuq il-ġeneru, l-oriġini razzjali jew etnika, id-diżabbiltà, l-età, l-isfond soċjoekonomiku, l-orjentament sesswali, l-identità tal-ġeneru jew l-istatus ta' immigrant; jappella, f'dan ir-rigward, lill-Istati Membri biex jimplimentaw id-Direttiva (UE) 2023/970[1a]; jisħaq fuq l-importanza ta' kampanji ta' informazzjoni u taħriġ dwar preġudizzji konxji u inkonxji għall-prevenzjoni ta' tali inugwaljanzi u diskriminazzjoni;***
	[1a] Id-Direttiva (UE) 2023/970 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li ssaħħaħ l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irġiel u n-nisa permezz ta' trasparenza fil-pagi u mekkaniżmi ta' infurzar, ĠU L 132, 17.5.2023, p. 21-44.

Or. en

Emenda 301
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw ***miżuri effettivi***	9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw ***politiki li jiżguraw***

mmirati biex jimplimentaw il-prinċipju ta' "paga ugwali għal xogħol ugwali" billi jiġġieldu l-inugwaljanzi u d-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol, b'mod partikolari dawk li jaffettwaw lin-nisa;	***paga ugwali għal xogħol ugwali, flimkien ma' miżuri li jippromwovu l-iżvilupp tal-ħiliet, il-flessibbiltà tas-suq tax-xogħol, u li*** jiġġieldu l-inugwaljanzi u d-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol, b'mod partikolari dawk li jaffettwaw lin-nisa;

Or. en

Emenda 302
João Oliveira, Marie Toussaint, Marit Maij, Pasquale Tridico, Hristo Petrov, Estrella Galán, Pernando Barrena Arza, Giorgos Georgiou, Lynn Boylan, Leila Chaibi, Damien Carême, Anthony Smith, Vicent Marzà Ibáñez, Marina Mesure, Sirpa Pietikäinen, Dario Tamburrano, Murielle Laurent, Eric Sargiacomo, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw miżuri effettivi mmirati biex jimplimentaw il-prinċipju ta' "paga ugwali għal xogħol ugwali" billi jiġġieldu l-inugwaljanzi u d-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol, b'mod partikolari dawk li ***jaffettwaw lin-nisa***;	9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw miżuri effettivi mmirati biex jimplimentaw il-prinċipju ta' "paga ugwali għal xogħol ugwali" billi jiġġieldu l-inugwaljanzi u d-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol, b'mod partikolari dawk li ***huma bbażati fuq il-ġeneru, l-oriġini razzjali jew etnika, id-diżabbiltà, l-età, l-isfond soċjoekonomiku, l-orjentament sesswali, l-identità tal-ġeneru jew l-istatus ta' immigrant***;

Or. en

Emenda 303
Villy Søvndal
f'isem il-Grupp ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw miżuri effettivi mmirati biex jimplimentaw il-prinċipju ta' "paga ugwali għal xogħol ugwali" billi jiġġieldu l-inugwaljanzi u d-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol, b'mod partikolari dawk li jaffettwaw lin-nisa;	9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw miżuri effettivi mmirati biex jimplimentaw il-prinċipju ta' "paga ugwali għal xogħol ugwali" ***jew xogħol ta' valur ugwali,*** billi jiġġieldu l-inugwaljanzi u d-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol, b'mod partikolari dawk li jaffettwaw lin-nisa ***u lil gruppi oħra f'sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà***;

Or. en

Emenda 304
Martine Kemp, Liesbet Sommen, Regina Doherty, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw miżuri effettivi mmirati biex jimplimentaw il-prinċipju ta' "paga ugwali għal xogħol ugwali" billi jiġġieldu l-inugwaljanzi u d-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol, b'mod partikolari dawk li jaffettwaw lin-nisa;	9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw miżuri effettivi mmirati biex jimplimentaw il-prinċipju ta' "paga ugwali għal xogħol ugwali" billi jiġġieldu l-inugwaljanzi u d-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol, b'mod partikolari dawk li jaffettwaw lin-nisa***, lill-persuni b'diżabbiltà u lill-ġenituri waħedhom***;

Or. en

Emenda 305
Liesbet Sommen, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jitlob lill-Kummissjoni, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri tal-

UE, biex tiżviluppa politiki speċifiċi u mmirati għall-ġlieda kontra l-faqar mestruwali; jissottolinja l-importanza li jintużaw soluzzjonijiet innovattivi, li tiġi stabbilita kooperazzjoni strutturali mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, u li jiġi applikat approċċ ibbażat fuq ix-xjenza; iħeġġeġ sabiex din il-kwistjoni tiġi inkluża bħala suġġett ta' prijorità fl-Aġenda Urbana tal-UE, b'mod partikolari taħt it-tema "faqar fiż-żoni urbani";

Or. en

Emenda 306
Villy Søvndal
f'isem il-Grupp ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura investimenti fis-sistemi ta' protezzjoni tat-tfal, inkluż l-indirizzar tal-vjolenza kontra t-tfal, jinsisti li l-istrateġija tiddefendi d-dritt tat-tfal għall-ħajja tal-familja u tiżgura li l-faqar jew id-diffikultajiet soċjoekonomiċi qatt ma jkunu l-uniċi raġunijiet għas-separazzjoni tat-tfal mill-familji tagħhom;

Or. en

Emenda 307
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi fond fil-qafas tal-politika ta'

	koeżjoni tal-UE biex tappoġġja akkomodazzjoni soċjali aċċessibbli, inkluż l-adattament tal-akkomodazzjoni għal individwi li għaddejjin minn trattamenti intensivi kontra l-kanċer u li qed jirkupraw minnhom;

Or. en

Emenda 308
Evelyn Regner, Aodhán Ó Ríordáin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Iheġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta inizjattivi effettivi mmirati lejn il-ġlieda kontra d-dumping soċjali u tal-pagi transfruntiera, inkluża proposta biex l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol tkun mgħammra b'kompetenzi konkreti ta' infurzar;

Or. en

Emenda 309
Aodhán Ó Ríordáin, Marit Maij, Isilda Gomes, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Romana Jerković, Cecilia Strada, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw politiki biex isaħħu d-drittijiet tal-maternità, tal-paternità u tal-ġenituri, jippromwovu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, jiffaċilitaw ir-ritorn tan-nisa għax-xogħol wara t-tqala u l-liv tal-maternità u jiżguraw kundizzjonijiet adegwati għat-treddigħ fuq il-post tax-	***imħassar***

xogħol;

Or. en

Emenda 310
Villy Søvndal
f'isem il-Grupp ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw politiki biex isaħħu d-drittijiet tal-maternità, tal-paternità u tal-ġenituri, jippromwovu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, jiffaċilitaw ***ir-ritorn*** tan-nisa għax-xogħol wara t-tqala u l-liv tal-maternità u jiżguraw kundizzjonijiet adegwati għat-treddigħ fuq il-post tax-xogħol;	10. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw politiki biex isaħħu d-drittijiet tal-maternità, tal-paternità u tal-ġenituri ***u tal-persuni li jindukraw***, jippromwovu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata ***u arranġamenti tax-xogħol flessibbli***, jiffaċilitaw ***l-aċċess*** tan-nisa ***għal introjtu ggarantit matul il-liv tal-maternità u r-ritorn tagħhom*** għax-xogħol wara t-tqala u l-liv tal-maternità u jiżguraw kundizzjonijiet adegwati għat-treddigħ fuq il-post tax-xogħol;

Or. en

Emenda 311
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw politiki biex isaħħu d-drittijiet tal-maternità, tal-paternità u tal-ġenituri, jippromwovu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, jiffaċilitaw ir-ritorn tan-nisa għax-xogħol wara t-tqala u l-liv tal-maternità u jiżguraw kundizzjonijiet adegwati għat-treddigħ fuq il-post tax-	10. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw politiki biex isaħħu d-drittijiet tal-maternità, tal-paternità u tal-ġenituri ***u tal-persuni li jindukraw***, jippromwovu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata ***u arranġamenti tax-xogħol flessibbli***, jiffaċilitaw ir-ritorn tan-nisa għax-xogħol wara t-tqala u l-liv tal-maternità u jiżguraw kundizzjonijiet adegwati għat-treddigħ fuq

xogħol;	il-post tax-xogħol; ***jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jintroduċu u jippromwovu politiki ta' liv tal-paternità aċċessibbli u kkumpensati b'mod adegwat, li jippermettu lill-missirijiet jistabbilixxu rabtiet b'saħħithom mat-tfal tagħhom, jaqsmu responsabbiltajiet ta' indukrar indaqs, u jieħdu l-ħin liberu meħtieġ biex jappoġġjaw l-iżvilupp bikri tat-tfal u l-benesseri tal-familja;***

Or. en

Emenda 312
Martine Kemp, Liesbet Sommen, Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw politiki biex isaħħu d-drittijiet tal-maternità, tal-paternità u tal-ġenituri, jippromwovu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, ***jiffaċilitaw ir-ritorn*** tan-nisa ***għax-xogħol*** wara t-tqala u l-liv tal-maternità u jiżguraw kundizzjonijiet adegwati għat-treddigħ fuq il-post tax-xogħol;	10. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw politiki biex isaħħu d-drittijiet tal-maternità, tal-paternità u tal-ġenituri, jippromwovu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, ***jappoġġjaw ir-riintegrazzjoni*** tan-nisa ***fil-forza tax-xogħol*** wara t-tqala u l-liv tal-maternità u jiżguraw kundizzjonijiet ***ta' spazji*** adegwati għat-treddigħ fuq il-post tax-xogħol;

Or. en

Emenda 313
Juan Carlos Girauta Vidal, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. ***Jistieden*** lill-Istati Membri jiżviluppaw politiki biex isaħħu ***d-drittijiet tal-maternità***, ***tal-paternità*** u ***tal-ġenituri***, jippromwovu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-	10. ***Jirrakkomanda*** lill-Istati Membri ***li*** jiżviluppaw politiki biex isaħħu ***l-familja***, ***ir-rata tat-twelid*** u ***l-maternità***, jippromwovu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-

ħajja privata, jiffaċilitaw ir-ritorn tan-nisa għax-xogħol wara t-tqala u l-liv tal-maternità u jiżguraw kundizzjonijiet adegwati għat-treddigħ fuq il-post tax-xogħol;	ħajja privata, jiffaċilitaw ir-ritorn tan-nisa għax-xogħol wara t-tqala u l-liv tal-maternità u jiżguraw kundizzjonijiet adegwati għat-treddigħ fuq il-post tax-xogħol;

Or. en

Emenda 314
Séverine Werbrouck

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10 – subparagrafu 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jisħaq li dawn il-politiki jridu jagħtu attenzjoni speċjali lill-ommijiet waħedhom, u jirrispettaw il-libertà tal-ommijiet kollha li jiddeċiedu jekk jirritornawx għax-xogħol, mingħajr ma jagħmlu ebda pressjoni fuqhom, sabiex din tkun tista' tkun għażla libera li tirrispetta r-rekwiżiti edukattivi;

Or. fr

Emenda 315
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jenfasizza l-impatt sproporzjonat tax-xogħol ta' kura mhux imħallas fuq is-sigurtà ekonomika tan-nisa; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata u rikonoxximent aktar b'saħħtu tal-persuni li jindukraw b'mod informali permezz ta' servizzi adegwati ta' kura ta' solliev u appoġġ biex il-familji b'introjtu

baxx ikunu jistgħu jingħataw edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jesploraw il-possibbiltà li jadottaw prattiki li jipprovdu allowances ta' kull xahar lil persuni li jindukraw b'mod informali ta' individwi, b'mod partikolari minn unitajiet domestiċi b'introjtu baxx, li, wara valutazzjoni professjonali, jitqiesu li ma jistgħux jgħixu b'mod indipendenti, bħala mezz biex tiġi appoġġjata kura dinjituża u bbażata fil-komunità; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jintegraw dawn il-miżuri fl-oqfsa nazzjonali tal-protezzjoni soċjali u tal-kura fit-tul bħala parti minn politiki komprensivi kontra l-faqar;

Or. en

Emenda 316
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu u jappoġġjaw ċentri ta' trawwim iddedikati għal individwi mingħajr dar li joffru kura medika bażika u speċjalizzata mfassla għall-ħtiġijiet ta' persuni mingħajr dar, inklużi servizzi tas-saħħa fiżika u mentali, ikkomplementati bi programmi edukattivi mmirati lejn il-prevenzjoni tal-abbuż tad-droga, inklużi konsulenza, u inizjattivi ta' żvilupp tal-ħiliet biex jappoġġjaw ir-riintegrazzjoni fis-soċjetà; il-Kummissjoni Ewropea għandha tipprovdi gwida u tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri biex tiżgura l-operat effettiv u uman ta' dawn iċ-ċentri ta' fostering;

Or. en

Emenda 317
João Oliveira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Ifakkar li l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni u l-inugwaljanzi strutturali u sistemiċi hija essenzjali jekk nixtiequ nipprevjenu u neqirdu l-faqar u niżguraw l-ugwaljanza bejn il-persuni kollha; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, għalhekk, jadottaw u jimplimentaw politiki komprensivi u ffinanzjati b'mod adegwat biex jiġġieldu d-diskriminazzjoni, inklużi r-razziżmu u l-ksenofobija, fil-forom kollha tagħha fl-oqsma kollha tal-ħajja ta' kuljum, inklużi l-edukazzjoni, l-impjiegi, il-kura tas-saħħa, l-akkomodazzjoni, l-aċċess għall-ġustizzja u l-parteċipazzjoni demokratika;

Or. pt

Emenda 318
Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu s-sistemi ta' kura pubbliċi nazzjonali u reġjonali tagħhom biex jiżguraw li l-individwi kollha, kemm dawk akbar fl-età, kif ukoll iżgħar, irrispettivament mill-isfond tagħhom, ikollhom aċċess għal servizzi ta' kura professjonali li jiggarantixxu kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin għall-professjonisti tal-kura; jenfasizza li s-servizzi tal-kura fid-dar huma essenzjali biex tiġi pprovduta kura ta' kwalità u ċċentrata fuq il-persuna għall-persuni akbar fl-età, kif ukoll

indukrar tat-tfal ta' kwalità għolja;

Or. en

Emenda 319
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrikonoxxu formalment u jivvalutaw ix-xogħol ta' kura mhux imħallas, inkluża l-kura informali tal-familja għall-persuni b'diżabbiltà, l-anzjani, u l-individwi b'kundizzjonijiet kroniċi, bħala kontribut kritiku għall-koeżjoni soċjali u l-prevenzjoni tal-faqar;

Or. en

Emenda 320
Regina Doherty, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw politiki u aċċess għal appoġġ għan-nisa li ilhom barra mill-forza tax-xogħol għal għadd ta' snin minħabba responsabbiltajiet tal-familja biex jirritornaw;

Or. en

Emenda 321
Niels Geuking, Romana Tomc

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tal-inizjattiva "Familji Aktar b'Saħħithom" imnedija fl-2023, b'unità u bi qbil sħiħ mal-Istati Membri kollha;

Or. en

Emenda 322
Niels Geuking, Romana Tomc

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10b. Jistieden lill-Kummissjoni, biex, filwaqt li tikkunsidra bis-sħiħ il-kompetenza tal-UE, tipproponi lill-Istati Membri rakkomandazzjonijiet ċari dwar mekkaniżmi mmirati biex jiżguraw mekkaniżmi olistiċi, simplifikati, iffinanzjati b'mod adegwat, u integrati aħjar għal familji aktar b'saħħithom; dawn għandhom jibnu fuq il-kisbiet eżistenti, jinkludu politiki u azzjonijiet konkreti biex jikkonsolidaw is-sistemi tal-benefiċċji tal-familja, u jappoġġjaw lill-Istati Membri biex jiggarantixxu aċċess sħiħ u ekwu għat-tliet benefiċċji ewlenin tal-familja[1a] għal kull familja;
	[1a] Benefiċċju tat-tfal iggarantit adegwat, liv tal-ġenituri ggarantit adegwat u aċċess iggarantit adegwat għall-indukrar tat-tfal sal-età tal-iskola.

Or. en

Emenda 323
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10b. Jistieden lill-Istati Membri jintroduċu u jippromwovu skemi ta' inċentivi għall-kumpaniji li jimpjegaw individwi qiegħda, inklużi iżda mhux limitati għal ħelsien mit-taxxa, sussidji tal-pagi, jew kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali mnaqqsa; sabiex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni ta' gruppi vulnerabbli fis-suq tax-xogħol, l-Istati Membri huma mħeġġa jimplimentaw skema ta' bonus immirata lejn persuni li qabel kienu qiegħda u li jiżguraw impjieg u jżommu xogħol kontinwu għal perjodu minimu raġonevoli, kif determinat fil-livell nazzjonali, biex jinkoraġġixxu ż-żamma u l-istabbiltà tal-impjiegi fit-tul;

Or. en

Emenda 324
Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10b. Jappella għall-implimentazzjoni effettiva tal-Garanzija għat-Tfal f-Istati Membri kollha; jissottolinja l-importanza li jiġu promossi l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, li jiġi żgurat aċċess universali għas-servizzi alimentari nutrittivi, ta' kwalità għolja u aċċessibbli fl-iskejjel u li tissaħħaħ il-kura ta' wara l-iskola biex tiġi appoġġjata l-parteċipazzjoni tal-ġenituri fis-suq tax-xogħol u biex jiġi miġġieled it-tluq bikri

mill-iskola;

Or. en

Emenda 325
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10b. Jitlob li jiġu żviluppati politiki li jiffavorixxu l-impjiegi għall-persuni li jindukraw b'mod informali, inklużi arranġamenti tax-xogħol flessibbli, liv għall-kura mħallas, u appoġġ għad-dħul mill-ġdid, għall-prevenzjoni ta' sitwazzjoni fejn persuna tibqa' barra mis-suq tax-xogħol għal żmien twil, speċjalment in-nisa;

Or. en

Emenda 326
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10c. Jirrakkomanda lill-Istati Membri jistabbilixxu u jippromwovu faċilitajiet u mekkaniżmi ta' appoġġ għall-kumpaniji li jimpjegaw eks priġunieri, inklużi inċentivi bħal tnaqqis fit-taxxa, sussidji, jew ħelsien mill-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali; l-Istati Membri għandhom jiżguraw kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi rilevanti, is-servizzi soċjali u l-impjegaturi biex jappoġġjaw ir-riabilitazzjoni soċjali u professjonali ta' eks priġunieri, inkluż taħriġ vokazzjonali, programmi ta' mentoraġġ u appoġġ psikoloġiku mmirati

biex jiffaċilitaw l-integrazzjoni mill-ġdid b'suċċess tagħhom fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà;

Or. en

Emenda 327
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10c. Jenfasizza li l-appoġġ għas-saħħa mentali perinatali aċċessibbli u l-valutazzjoni bikrija – inkluż l-ippjanar tal-familja – huma kruċjali għall-prevenzjoni tal-faqar fost il-familji vulnerabbli; il-promozzjoni ta' maternità u paternità b'saħħithom permezz ta' identifikazzjoni u intervent bikrin tgħin biex jitnaqqsu r-riskji soċjali u ekonomiċi marbuta ma' saħħa mentali dgħajfa, u tappoġġja lill-familji fir-riskju li jaqgħu fil-faqar matul it-tranżizzjoni lejn l-istat ta' ġenitur;

Or. en

Emenda 328
Niels Geuking, Romana Tomc

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10c. Jappella għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva "Familji Aktar b'Saħħithom" permezz ta' indikaturi ċari u rappurtar fis-Semestru Ewropew;

Or. en

Emenda 329
Juan Carlos Girauta Vidal, Séverine Werbrouck

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragraph 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw aċċess universali ***għall-kura tas-saħħa pubblika*** materna, tat-trabi tat-twelid u pedjatrika ***li jkunu aċċessibbli*** u ta' kwalità;	11. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw aċċess universali ***għaċ-ċittadini għal kura tas-saħħa*** materna, tat-trabi tat-twelid u pedjatrika ***affordabbli*** u ta' kwalità ***għolja***;

Or. en

Emenda 330
Villy Søvndal
f'isem il-Grupp ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragraph 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw aċċess universali ***għall-kura*** tas-saħħa pubblika materna, tat-trabi tat-twelid u pedjatrika ***li jkunu aċċessibbli*** u ta' kwalità;	11. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw aċċess universali ***għal kura*** tas-saħħa pubblika ***għal kulħadd, inkluża kura tas-saħħa*** materna, tat-trabi tat-twelid u pedjatrika ***affordabbli*** u ta' kwalità ***għolja***;

Or. en

Emenda 331
Juan Carlos Girauta Vidal, Séverine Werbrouck, Rachel Blom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragraph 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. ***Jistieden*** lill-Istati Membri jiżguraw aċċess universali ***għall-kura*** tas-	11. ***Jirrakomanda*** lill-Istati Membri ***li*** jiżguraw aċċess universali ***għal kura*** tas-

saħħa pubblika materna, tat-trabi tat-twelid u pedjatrika ***li jkunu aċċessibbli*** u ta' kwalità;

saħħa pubblika materna, tat-trabi tat-twelid u pedjatrika ***affordabbli*** u ta' kwalità ***għolja***;

Or. en

Emenda 332
João Oliveira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragraph 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. ***Jistieden*** lill-Istati Membri jiżguraw aċċess universali ***għall-kura*** tas-saħħa pubblika materna, tat-trabi tat-twelid u pedjatrika ***li jkunu aċċessibbli*** u ta' ***kwalità***;	11. ***Iħeġġeġ*** lill-Istati Membri jiżguraw aċċess universali ***għal kura*** tas-saħħa pubblika materna, tat-trabi tat-twelid u pedjatrika ***affordabbli u ta' kwalità għolja, inklużi l-prevenzjoni primarja, il-programmi ta' immunizzazzjoni*** u ***l-kura primarja, l-aċċess għad-dijanjożi, it-trattament u r-riabilitazzjoni u l-aċċess għall-aktar firxa varjata*** ta' ***trattament speċjalizzat mediku u terapewtiku, filwaqt li jiggarantixxi lin-nisa d-dritt għas-saħħa sesswali u riproduttiva irrispettivament mill-istatus etniku, soċjali jew amministrattiv tagħhom***;

Or. pt

Emenda 333
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragraph 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. ***Jistieden*** lill-Istati Membri jiżguraw aċċess universali ***għall-kura*** tas-saħħa pubblika materna, tat-trabi tat-twelid u pedjatrika ***li jkunu aċċessibbli*** u ta' ***kwalità***;	11. ***Iħeġġeġ*** lill-Istati Membri jiżguraw aċċess universali ***għal kura*** tas-saħħa pubblika ***ta' qabel it-twelid,*** materna, tat-trabi tat-twelid u pedjatrika ***affordabbli u ta' kwalità għolja*** u ***jtejbu s-servizzi mmirati*** ta' ***intervent bikri tat-tfal***

immirati lejn il-promozzjoni tal-iżvilupp, il-benesseri u l-inklużjoni soċjali tat-tfal;

Or. en

Emenda 334
Aodhán Ó Ríordáin, Marit Maij, Isilda Gomes, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Romana Jerković, Cecilia Strada, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragraph 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. ***Jistieden*** lill-Istati Membri jiżguraw aċċess universali ***għall-kura*** tas-saħħa pubblika materna, tat-trabi tat-twelid u pedjatrika ***li jkunu aċċessibbli*** u ta' ***kwalità***;	11. ***Iheġġeġ*** lill-Istati Membri jiżguraw aċċess universali ***għal kura*** tas-saħħa pubblika materna, tat-trabi tat-twelid u pedjatrika ***affordabbli u ta' kwalità għolja, flimkien ma' miżuri mmirati biex jiżguraw identifikazzjoni u intervent bikrin għal dawk fir-riskju ta' problemi ta' saħħa*** u ta' ***żvilupp***;

Or. en

Emenda 335
João Oliveira, Marie Toussaint, Marit Maij, Pasquale Tridico, Hristo Petrov, Estrella Galán, Pernando Barrena Arza, Giorgos Georgiou, Lynn Boylan, Leila Chaibi, Damien Carême, Anthony Smith, Vicent Marzà Ibáñez, Marina Mesure, Dario Tamburrano, Murielle Laurent, Eric Sargiacomo, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragraph 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw aċċess universali ***għall-kura*** tas-saħħa pubblika materna, tat-trabi tat-twelid u pedjatrika ***li jkunu aċċessibbli*** u ta' kwalità;	11. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw aċċess universali***, mingħajr diskriminazzjoni, għal kura*** tas-saħħa pubblika materna, tat-trabi tat-twelid u pedjatrika ***affordabbli*** u ta' kwalità ***għolja***;

Or. en

Emenda 336
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jiżviluppaw u jimplimentaw miżuri mmirati biex jiġġieldu l-abbandun tal-iskejjel u jżidu l-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni, b'enfasi partikolari fuq it-tfal li jgħixu f'żoni rurali u mhux moqdija biżżejjed u jinvestu fi programmi ta' appoġġ edukattiv imfassla apposta, inklużi t-trasport, l-aċċess diġitali, il-mentoraġġ, u inizjattivi ta' involviment tal-familja, biex jiġi żgurat li t-tfal minn żoni rurali jkunu jistgħu jattendu u jibqgħu l-iskola; jappella għall-integrazzjoni ta' miżuri kontra l-faqar mal-politiki tal-edukazzjoni, il-promozzjoni ta' opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja u t-taħriġ vokazzjonali biex jitrawmu opportunitajiet indaqs għat-tfal f'komunitajiet rurali u remoti;

Or. en

Emenda 337
João Oliveira, Marie Toussaint, Marit Maij, Pasquale Tridico, Hristo Petrov, Estrella Galán, Pernando Barrena Arza, Giorgos Georgiou, Lynn Boylan, Leila Chaibi, Damien Carême, Anthony Smith, Vicent Marzà Ibáñez, Marina Mesure, Sirpa Pietikäinen, Dario Tamburrano, Murielle Laurent, Eric Sargiacomo, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jipproponu miżuri komprensivi li jiggarantixxu t-twettiq tas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi ta' kwalità u aċċessibbli, u l-aċċess għalihom, inklużi l-ġinekoloġija, l-

ostetrija, l-ippjanar tal-familja, l-edukazzjoni sesswali u l-forniment ta' prodotti mestruwali, inkluż permezz ta' faċilitajiet adegwati fuq il-post tax-xogħol u permezz tal-ħajja edukattiva;

Or. en

Emenda 338
Aodhán Ó Ríordáin, Marit Maij, Isilda Gomes, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Romana Jerković, Cecilia Strada, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw l-għoti ta' kura tat-tfal universali u ta' kwalità aċċessibbli għal kulħadd, bl-għan li jiġu appoġġjati l-edukazzjoni u l-kura bikrin tat-tfal bħala mutur kruċjali biex jitkisser iċ-ċiklu tal-faqar u tiżdied il-parteċipazzjoni tal-ġenituri fis-suq tax-xogħol, filwaqt li jiġi rikonoxxut li r-responsabbiltajiet tal-indukrar jaqgħu b'mod sproporzjonat fuq in-nisa;

Or. en

Emenda 339
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jisħaq li akkomodazzjoni stabbli, sikura u affordabbli hija fattur soċjali determinanti ewlieni tas-saħħa mentali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw il-politika tal-akkomodazzjoni bħala parti integrali mill-istrateġiji tas-saħħa mentali u l-benesseri,

speċjalment għall-popolazzjonijiet vulnerabbli u emarġinati;

Or. en

Emenda 340
Romana Jerković

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***11a. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jinkorporaw id-dritt li jintesew fl-oqfsa legali nazzjonali tagħhom sabiex jipprevjenu d-diskriminazzjoni finanzjarja kontra persuni li jfiequ mill-kanċer, u jnaqqsu r-riskju tagħhom ta' faqar u esklużjoni soċjali;**

Or. en

Emenda 341
João Oliveira, Marie Toussaint, Marit Maij, Pasquale Tridico, Hristo Petrov, Estrella Galán, Pernando Barrena Arza, Giorgos Georgiou, Lynn Boylan, Leila Chaibi, Damien Carême, Anthony Smith, Vicent Marzà Ibáñez, Marina Mesure, Dario Tamburrano, Murielle Laurent, Eric Sargiacomo, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***11b. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-inugwaljanzi fis-saħħa bħala dimensjoni strutturali tal-faqar, inkluż permezz tal-aċċess għall-kura tas-saħħa preventiva u primarja, l-appoġġ għas-saħħa mentali, u l-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni; jisħaq li l-istatus soċjoekonomiku jibqa' fattur determinanti ewlieni tal-istennija tal-għomor, l-esponiment għal xogħol fiżikament eżiġenti jew perikoluż, u l-**

vulnerabbiltà għar-riskji ambjentali u tossiċi;

Or. en

Emenda 342
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11b. L-Istati Membri għandhom jipproteġu lill-persuni vulnerabbli mill-ispejjeż tal-kura tas-saħħa li jistgħu jwaqqgħuhom fil-faqar jew iħalluhom fid-dejn; dan għandu jkun parti minn sistema soċjali ffinanzjata tajjeb u aċċessibbli, sabiex ħadd ma jkollu jagħżel bejn is-saħħa tiegħu u s-sigurtà finanzjarja tiegħu;

Or. en

Emenda 343
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11c. Il-persuni b'diżabbiltà jiffaċċjaw b'mod sinifikanti riskji ogħla ta' faqar u esklużjoni soċjali f'ħafna Stati Membri, parzjalment minħabba ħtiġijiet fiżiċi u mentali akbar u spiss mhux indirizzati tal-kura tas-saħħa; f'konformità mal-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà, l-Istrateġija kontra l-Faqar trid tadotta approċċ komprensiv u inklużiv li jwieġeb għall-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom fl-oqsma kollha tal-ħajja. Dan jinkludi li jiġu żgurati servizzi tas-saħħa

fiżika u mentali aċċessibbli u ċċentrati fuq il-persuna, ambjenti inklużivi fuq il-post tax-xogħol b'akkomodazzjoni raġonevoli u appoġġ immirat għall-prevenzjoni tat-tluq bikri mill-iskola u l-esklużjoni mis-suq tax-xogħol; investiment adegwat f'dawn l-oqsma huwa essenzjali biex titkisser ir-rabta bejn id-diżabbiltà u l-faqar u biex jiġi rispettat id-dritt għal parteċipazzjoni sħiħa fis-soċjetà;

Or. en

Emenda 344
João Oliveira, Marie Toussaint, Marit Maij, Pasquale Tridico, Hristo Petrov, Estrella Galán, Pernando Barrena Arza, Giorgos Georgiou, Lynn Boylan, Leila Chaibi, Damien Carême, Anthony Smith, Vicent Marzà Ibáñez, Marina Mesure, Dario Tamburrano, Murielle Laurent, Eric Sargiacomo, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11c. Jirrakkomanda li l-Istati Membri jiżviluppaw politiki soċjali proattivi li jevitaw li t-tfal jiġu separati mill-ambjent tal-familja tagħhom, filwaqt li jiżguraw li t-tfal ma jitpoġġewx f'istituti minħabba l-faqar u l-esklużjoni; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li r-rikors għal deċiżjoni li tfal u żgħażagħ jitpoġġew f'istituti jseħħ biss bħala miżura estrema u jinvestu f'sistemi sikuri ta' foster care għat-tfal u ż-żgħażagħ biex jgħinu fit-tranżizzjoni minn kura istituzzjonali għal kura tal-familja u bbażata fil-komunità;

Or. en

Emenda 345
Juan Carlos Girauta Vidal, Séverine Werbrouck, Rachel Blom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. ***Jistieden*** lill-Istati Membri jsaħħu s-sistemi tas-sigurtà soċjali ***pubbliċi***, ***universali u bbażati fuq is-solidarjetà*** sabiex jiggarantixxu protezzjoni soċjali ***sħiħa u*** effettiva għall-ħaddiema u l-pensjonanti u jipprevjenu l-faqar;	12. ***Jirrakkomanda*** lill-Istati Membri jsaħħu s-sistemi tas-sigurtà soċjali, sabiex jiggarantixxu protezzjoni soċjali effettiva għall-ħaddiema u l-pensjonanti u jipprevjenu l-faqar;

Or. en

Emenda 346
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu s-sistemi tas-sigurtà soċjali pubbliċi, ***universali u bbażati fuq is-solidarjetà*** sabiex ***jiggarantixxu*** protezzjoni soċjali sħiħa u effettiva għall-ħaddiema u l-pensjonanti u jipprevjenu l-faqar;	12. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu s-sistemi tas-sigurtà soċjali pubbliċi, ***filwaqt li jiżguraw is-sostenibbiltà fit-tul tagħhom permezz ta' riformi meħtieġa,*** sabiex ***jiżguraw*** protezzjoni soċjali sħiħa u effettiva għall-ħaddiema u l-pensjonanti***,*** u ***biex*** jipprevjenu l-faqar***, u jindirizzaw l-isfidi demografiċi***;

Or. en

Emenda 347
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu s-sistemi tas-sigurtà soċjali pubbliċi, universali u bbażati fuq is-solidarjetà sabiex ***jiggarantixxu*** protezzjoni soċjali sħiħa u effettiva għall-ħaddiema u ***l-pensjonanti*** u jipprevjenu ***l-faqar***;	12. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu s-sistemi tas-sigurtà soċjali pubbliċi, universali u bbażati fuq is-solidarjetà sabiex ***jiżguraw*** protezzjoni soċjali sħiħa u effettiva għall-ħaddiema***, għall-persuni li jaħdmu għal rashom*** u ***għall-pensjonanti***

u jipprevjenu ***u jindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-faqar f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom (2019)[1a]; jissottolinja l-livelli għoljin ta' prekarjetà tal-introjtu fost l-artisti u l-ħaddiema fis-settur kulturali u s-settur kreattiv, u persuni oħra b'xejriet ta' introjtu irregolari; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri, b'mod partikolari, biex itejbu l-flessibbiltà u jindirizzaw il-lakuni potenzjali fis-sistemi ta' protezzjoni soċjali tagħhom fid-dawl ta' dinja tax-xogħol u tas-soċjetajiet li qed tinbidel u r-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Futur tal-Protezzjoni Soċjali u tal-Istat Soċjali fl-UE[1b];***

1a ĠU C 387, 15.11.2019, p. 1–8.

1b Il-Kummissjoni Ewropea: Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni, The future of social protection and the welfare state in the EU (Il-futur tal-protezzjoni soċjali u l-istat soċjali fl-UE), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023, https://data.europa.eu/doi/10.2767/35425.

Or. en

Emenda 348
Villy Søvndal
f'isem il-Grupp ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu s-sistemi tas-sigurtà soċjali pubbliċi, universali u bbażati fuq is-solidarjetà sabiex jiggarantixxu protezzjoni soċjali	12. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu s-sistemi tas-sigurtà soċjali pubbliċi, universali u bbażati fuq is-solidarjetà sabiex jiżguraw protezzjoni soċjali sħiħa u

sħiħa u effettiva għall-ħaddiema u l-pensjonanti u jipprevjenu l-faqar;	effettiva għall-ħaddiema u l-pensjonanti u jipprevjenu l-faqar; ***jinsisti fuq l-importanza li jiġu indirizzati l-isfidi li jiffaċċjaw il-persuni f'impjieg prekarju jew mhux standard – speċjalment iż-żgħażagħ, li jiffaċċjaw diskriminazzjoni bbażata fuq l-età meta jaċċessaw il-benefiċċji;***

Or. en

Emenda 349
Martine Kemp, Regina Doherty, Liesbet Sommen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu s-sistemi tas-sigurtà soċjali pubbliċi, universali u bbażati fuq is-solidarjetà sabiex ***jiggarantixxu*** protezzjoni soċjali sħiħa u effettiva għall-ħaddiema u l-pensjonanti u jipprevjenu l-faqar;	12. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu s-sistemi tas-sigurtà soċjali pubbliċi, universali u bbażati fuq is-solidarjetà sabiex ***jiżguraw*** protezzjoni soċjali sħiħa u effettiva għall-ħaddiema u l-pensjonanti u jipprevjenu l-faqar***, b'mod partikolari ż-żgħażagħ f'impjiegi insiguri u mhux standard li jiffaċċjaw diskriminazzjoni minħabba l-età u li ma jkollhomx rekords ta' kontribuzzjonijiet suffiċjenti biex jaċċessaw il-benefiċċji tas-sigurtà soċjali***;

Or. en

Emenda 350
Aodhán Ó Ríordáin, Marit Maij, Isilda Gomes, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Romana Jerković, Cecilia Strada, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu s-sistemi tas-sigurtà soċjali pubbliċi, universali u bbażati fuq is-solidarjetà	12. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu s-sistemi tas-sigurtà soċjali pubbliċi, universali u bbażati fuq is-solidarjetà

sabiex ***jiggarantixxu*** protezzjoni soċjali sħiħa u effettiva għall-ħaddiema u l-pensjonanti u jipprevjenu l-faqar;	sabiex ***jiżguraw*** protezzjoni soċjali sħiħa u effettiva għall-ħaddiema ***kollha*** u l-pensjonanti u jipprevjenu l-faqar ***u l-faqar fost dawk li jaħdmu***;

Or. en

Emenda 351
Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Aodhán Ó Ríordáin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jistieden lill-Istati Membri jindirizzaw il-faqar fost iż-żgħażagħ u l-inugwaljanza soċjoekonomika, filwaqt li jirrikonoxxu li ż-żgħażagħ huma affettwati b'mod sproporzjonat mill-impjieg prekarju, l-esklużjoni mill-akkomodazzjoni u l-vulnerabbiltà soċjali; jisħaq li hemm ammont kbir wisq ta' żgħażagħ f'setturi kkaratterizzati minn xogħol part-time, staġjonali, prekarju u mhux iddikjarat, u li l-qgħad fost iż-żgħażagħ u r-rati ta' NEET għadhom persistentement għoljin; jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ il-Garanzija għaż-Żgħażagħ bħala strument ewlieni għall-promozzjoni tal-inklużjoni taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol, kif ukoll li jiġu adottati miżuri mmirati li jiżguraw l-aċċess għal skemi ta' introjtu minimu mingħajr diskriminazzjoni abbażi tal-età, li javvanzaw soluzzjonijiet ta' akkomodazzjoni affordabbli għaż-żgħażagħ fi ħdan il-Pjan ta' Akkomodazzjoni Affordabbli li jmiss, u li jsaħħu l-appoġġ għas-saħħa mentali mfassal apposta u s-servizzi ta' inklużjoni soċjali mfassla speċifikament għaż-żgħażagħ;

Or. en

Emenda 352
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jisħaq li l-ekonomija informali għandha tiġi indirizzata fl-Istrateġija kontra l-Faqar, peress li għadha mifruxa madwar l-Unjoni, u dan jirriżulta f'impjiegi mingħajr aċċess għad-drittijiet, għal paga adegwata, għall-protezzjoni soċjali jew għal standards tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri joħolqu perkorsi ta' inklużjoni bejn l-ekonomiji informali u formali, pereżempju billi jintroduċu proċeduri ta' reġistrazzjoni simplifikati għall-ħaddiema staġjonali, manwali u domestiċi;

Or. en

Emenda 353
Aodhán Ó Ríordáin, Marit Maij, Isilda Gomes, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Romana Jerković, Cecilia Strada, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni koordinata biex jagħlqu l-lakuni persistenti fin-numeriżmu, il-litteriżmu, u l-ħiliet diġitali li joħolqu ostakli sinifikanti biex jingħeleb il-faqar, permezz ta' interventi mmirati f'ambjenti tal-edukazzjoni formali u informali u l-istabbiliment ta' indikaturi rilevanti għall-monitoraġġ tal-progress; jissottolinja l-importanza ta' indukrar tat-tfal u edukazzjoni pubbliċi mingħajr ħlas għal kulħadd, sal-edukazzjoni terzjarja u

bl-inklużjoni tagħha;

Or. en

Emenda 354
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jitlob lill-Istati Membri jikkunsidraw li jqisu li jintroduċu r-responsabbiltajiet tat-trobbija tat-tfal fl-iskemi tal-pensjoni meta n-nisa ma jkunux jistgħu jaħdmu u jagħtu l-kontribuzzjonijiet xierqa matul tali perjodi;

Or. en

Emenda 355
Aodhán Ó Ríordáin, Marit Maij, Isilda Gomes, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Romana Jerković, Cecilia Strada, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12b. Jistieden lill-Istati Membri jindirizzaw il-faqar fost l-anzjani permezz ta' miżuri speċifiċi, b'attenzjoni partikolari għan-nisa, li huma affettwati b'mod sproporzjonat; jisħaq li dan jirrikjedi li jiġu rikonoxxuti u indirizzati l-etaiżmu, li jiġi żgurat l-aċċess għal kura tas-saħħa affordabbli u ta' kwalità u servizzi preventivi, tiġi promossa s-sigurtà finanzjarja għall-persuni akbar fl-età billi jissaħħaħ il-litteriżmu finanzjarju u jitnaqqas id-distakk diġitali, u jiġi żgurat l-aċċess għal akkomodazzjoni adattata u favorevoli għall-età u b'hekk jiġu

	appoġġjati l-awtonomija tagħhom u l-inklużjoni soċjali tagħhom;

Or. en

Emenda 356
Aodhán Ó Ríordáin, Marit Maij, Isilda Gomes, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Romana Jerković, Cecilia Strada, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12c. Jistieden lill-Istati Membri jindirizzaw il-problema tat-telf f'daqqa tal-intitolamenti tas-sigurtà soċjali bħala riżultat tal-limiti statiċi tal-introjtu fuq il-benefiċċji soċjali, ħaġa li tiddiżinċentiva lir-riċevituri tal-assistenza soċjali milli jirritornaw fis-suq tax-xogħol;

Or. en

Emenda 357
Juan Carlos Girauta Vidal, Séverine Werbrouck, Rachel Blom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. ***Jistieden*** lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw l-hekk imsejħa fenomeni moħbija tal-faqar, jiġġieldu l-istigmatizzazzjoni tal-persuni f'sitwazzjoni ta' faqar u n-nuqqas ta' użu tal-benefiċċji soċjali disponibbli, u jqisu li l-persuni akbar fl-età, il-persuni b'diżabbiltà***, il-familji*** b'ġenitur wieħed***, il-minoranzi etniċi jew il-migranti*** huma gruppi aktar vulnerabbli għall-faqar u l-esklużjoni soċjali;	13. ***Jirrakkomanda*** lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***li*** jikkunsidraw l-hekk imsejħa fenomeni moħbija tal-faqar, jiġġieldu l-istigmatizzazzjoni tal-persuni f'sitwazzjoni ta' faqar u n-nuqqas ta' użu tal-benefiċċji soċjali disponibbli, u jqisu li l-persuni akbar fl-età, il-persuni b'diżabbiltà ***u l-familji*** b'ġenitur wieħed huma gruppi aktar vulnerabbli għall-faqar u l-esklużjoni soċjali;

Or. en

Emenda 358
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw l-hekk imsejħa fenomeni moħbija tal-faqar, jiġġieldu l-istigmatizzazzjoni tal-persuni f'sitwazzjoni ta' faqar u n-nuqqas ta' użu tal-benefiċċji soċjali disponibbli, u jqisu li l-persuni akbar fl-età, il-persuni b'diżabbiltà, il-familji b'ġenitur wieħed***, il-minoranzi*** etniċi ***jew il-migranti*** huma gruppi aktar vulnerabbli għall-faqar u l-esklużjoni soċjali;	13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw l-hekk imsejħa fenomeni moħbija tal-faqar, jiġġieldu l-istigmatizzazzjoni tal-persuni f'sitwazzjoni ta' faqar u n-nuqqas ta' użu tal-benefiċċji soċjali disponibbli, u jqisu li l-persuni akbar fl-età, il-persuni b'diżabbiltà, il-familji b'ġenitur wieħed ***u l-minoranzi*** etniċi huma gruppi aktar vulnerabbli għall-faqar u l-esklużjoni soċjali;

Or. en

Emenda 359
Martine Kemp, Liesbet Sommen, Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jikkunsidraw l-hekk imsejħa fenomeni moħbija tal-faqar,*** jiġġieldu l-istigmatizzazzjoni tal-persuni f'sitwazzjoni ta' faqar u n-nuqqas ta' użu tal-benefiċċji soċjali disponibbli, u jqisu li l-persuni akbar fl-età, il-persuni b'diżabbiltà, il-familji b'ġenitur wieħed, il-minoranzi etniċi jew il-migranti huma gruppi aktar vulnerabbli għall-faqar u l-esklużjoni soċjali;	13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiġġieldu l-istigmatizzazzjoni tal-persuni f'sitwazzjoni ta' faqar u n-nuqqas ta' użu tal-benefiċċji soċjali disponibbli, u jqisu li l-persuni akbar fl-età, il-persuni b'diżabbiltà, il-familji b'ġenitur wieħed, il-minoranzi etniċi jew il-migranti huma gruppi aktar vulnerabbli għall-faqar u l-esklużjoni soċjali;

Or. en

Emenda 360
Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw l-hekk imsejħa fenomeni moħbija tal-faqar, jiġġieldu l-istigmatizzazzjoni tal-persuni f'sitwazzjoni ta' faqar u n-nuqqas ta' użu tal-benefiċċji soċjali disponibbli, u jqisu li l-persuni akbar fl-età, il-persuni b'diżabbiltà, il-familji b'ġenitur wieħed, il-minoranzi etniċi jew il-migranti huma gruppi aktar vulnerabbli għall-faqar u l-esklużjoni soċjali;	13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw l-hekk imsejħa fenomeni moħbija tal-faqar, jiġġieldu l-istigmatizzazzjoni tal-persuni f'sitwazzjoni ta' faqar u n-nuqqas ta' użu tal-benefiċċji soċjali disponibbli ***billi jesploraw il-possibbiltà li jużaw krediti tat-taxxa biex jindirizzaw in-nuqqas ta' użu tagħhom***, u jqisu li l-persuni akbar fl-età, il-persuni b'diżabbiltà, il-familji b'ġenitur wieħed, il-minoranzi etniċi jew il-migranti huma gruppi aktar vulnerabbli għall-faqar u l-esklużjoni soċjali;

Or. en

Emenda 361
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw ***l-hekk imsejħa fenomeni*** moħbija tal-faqar, jiġġieldu l-istigmatizzazzjoni tal-persuni f'sitwazzjoni ta' faqar u n-nuqqas ta' użu tal-benefiċċji soċjali disponibbli, u jqisu li l-persuni akbar fl-età, il-persuni b'diżabbiltà, il-familji b'ġenitur wieħed, il-minoranzi etniċi ***jew il-migranti*** huma gruppi aktar vulnerabbli għall-faqar u l-esklużjoni soċjali;	13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw ***id-dimensjonijiet*** moħbija tal-faqar, jiġġieldu l-istigmatizzazzjoni tal-persuni f'sitwazzjoni ta' faqar u n-nuqqas ta' użu tal-benefiċċji soċjali disponibbli, u jqisu li l-persuni akbar fl-età, ***it-tfal,*** il-persuni b'diżabbiltà, il-familji b'ġenitur wieħed, ***il-persuni mpoġġija fl-istituti,*** il-minoranzi etniċi***, bħar-Rom, u l-migranti*** huma gruppi aktar vulnerabbli għall-faqar u l-esklużjoni soċjali;

Or. en

Emenda 362
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw l-hekk imsejħa fenomeni moħbija tal-faqar, jiġġieldu l-istigmatizzazzjoni tal-persuni f'sitwazzjoni ta' faqar u n-nuqqas ta' użu tal-benefiċċji soċjali disponibbli, u jqisu li l-persuni akbar fl-età, il-persuni b'diżabbiltà, il-familji b'ġenitur wieħed, il-minoranzi etniċi jew il-migranti huma gruppi aktar vulnerabbli għall-faqar u l-esklużjoni soċjali;	13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw l-hekk imsejħa fenomeni moħbija tal-faqar, jiġġieldu l-istigmatizzazzjoni tal-persuni f'sitwazzjoni ta' faqar u n-nuqqas ta' użu tal-benefiċċji soċjali ***u tal-kura tas-saħħa*** disponibbli, u jqisu li l-persuni akbar fl-età, il-persuni b'diżabbiltà***, individwi li jbatu minn dijanożi ta' marda***, il-familji b'ġenitur wieħed, il-minoranzi etniċi jew il-migranti huma gruppi aktar vulnerabbli għall-faqar u l-esklużjoni soċjali;

Or. en

Emenda 363
Villy Søvndal
f'isem il-Grupp ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jikkunsidraw l-hekk imsejħa fenomeni moħbija tal-faqar***, jiġġieldu l-istigmatizzazzjoni tal-persuni f'sitwazzjoni ta' faqar u n-nuqqas ta' użu tal-benefiċċji soċjali disponibbli, u jqisu li l-persuni akbar fl-età, il-persuni b'diżabbiltà, il-familji b'ġenitur wieħed, il-minoranzi etniċi jew il-migranti huma gruppi aktar vulnerabbli għall-faqar u l-esklużjoni soċjali;	13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jaġixxu kontra l-aporofobija***, jiġġieldu l-istigmatizzazzjoni tal-persuni f'sitwazzjoni ta' faqar u n-nuqqas ta' użu tal-benefiċċji soċjali disponibbli, u jqisu li l-persuni akbar fl-età, il-persuni b'diżabbiltà, il-familji b'ġenitur wieħed, il-minoranzi etniċi jew il-migranti huma gruppi aktar vulnerabbli għall-faqar u l-esklużjoni soċjali;

Or. en

Emenda 364
João Oliveira, Marie Toussaint, Marit Maij, Pasquale Tridico, Hristo Petrov, Estrella Galán, Pernando Barrena Arza, Giorgos Georgiou, Lynn Boylan, Leila Chaibi, Damien Carême, Anthony Smith, Vicent Marzà Ibáñez, Marina Mesure, Sirpa Pietikäinen, Dario Tamburrano, Murielle Laurent, Eric Sargiacomo, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw ***l-hekk imsejħa*** fenomeni moħbija tal-faqar, jiġġieldu l-istigmatizzazzjoni tal-persuni f'sitwazzjoni ta' faqar u n-nuqqas ta' użu tal-benefiċċji soċjali disponibbli, u jqisu li l-persuni akbar fl-età, il-persuni b'diżabbiltà, il-familji b'ġenitur wieħed, il-minoranzi etniċi jew il-migranti huma gruppi aktar vulnerabbli għall-faqar u l-esklużjoni soċjali;	13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw fenomeni moħbija tal-faqar***1a***, jiġġieldu l-istigmatizzazzjoni tal-persuni f'sitwazzjoni ta' faqar u n-nuqqas ta' użu tal-benefiċċji soċjali disponibbli, u jqisu li l-persuni akbar fl-età, il-persuni b'diżabbiltà, il-familji b'ġenitur wieħed, il-minoranzi etniċi jew il-migranti huma gruppi aktar vulnerabbli għall-faqar u l-esklużjoni soċjali;
	_____
	1a BRAY R., DE LAAT M., GODINOT X., UGARTE A., WALKER R. (2019) The Hidden Dimensions of Poverty, (Id-Dimensjonijiet Moħbija tal-Faqar), Montreuil, ' Pubblikazzjonijiet Fourth World

Or. en

Emenda 365
Liesbet Sommen, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri tal-UE, biex meta jfasslu u jimplimentaw politiki relatati mat-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika, jagħtu

attenzjoni partikolari lill-inugwaljanzi soċjoekonomiċi u territorjali li jistgħu jiġu aggravati, speċjalment fiż-żoni rurali u f'dawk li qabel kienu reġjuni industrijali; jenfasizza l-importanza li jiġi indirizzat l-aċċess limitat għall-konnettività diġitali u s-servizzi/l-infrastruttura tat-trasport, li jista' jwassal għall-faqar tat-trasport u l-esklużjoni soċjali; jindika r-riskju li reġjuni bħal dawn jaqgħu fl-hekk imsejħa "nassa tal-iżvilupp";

Or. en

Emenda 366
Aodhán Ó Ríordáin, Marit Maij, Isilda Gomes, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Romana Jerković, Cecilia Strada, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jinnota li l-faqar mestruwali, li huwa n-nuqqas ta' aċċess adegwat għal prodotti u faċilitajiet tal-iġjene mestruwali, jaffettwa madwar 10 % tal-popolazzjoni mestruwali fl-Unjoni, u jaffettwa b'mod sproporzjonat lill-gruppi emarġinati u vulnerabbli, filwaqt li jillimita l-parteċipazzjoni fil-ħajja soċjali, edukattiva u professjonali; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tiżviluppa pjan ta' azzjoni komprensiv biex tindirizza l-faqar mestruwali, filwaqt li tiżgura aċċess liberu jew affordabbli għall-prodotti mestruwali; jistieden lill-Istati Membri jneħħu l-VAT mill-prodotti mestruwali;

Or. en

Emenda 367
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jistieden lill-Istati Membri jirrispondu b'mod proattiv għall-problema tan-nuqqas ta' użu tal-benefiċċji soċjali billi jnaqqsu l-piż amministrattiv tat-talbiet għall-benefiċċji, jipprovdu aktar trasparenza u informazzjoni lill-gruppi fil-mira tal-assistenza soċjali, jibnu l-fiduċja fl-istituzzjonijiet, jiżguraw proċessi ta' applikazzjoni online u offline, jiżviluppaw ċentri ta' appoġġ b'limitu baxx, jiġġieldu l-istigmatizzazzjoni, u jiżguraw li l-persunal ikun imħarreġ biex jilħaq u jassisti lill-persuni li jesperjenzaw il-faqar;

Or. en

Emenda 368
João Oliveira, Marie Toussaint, Marit Maij, Pasquale Tridico, Hristo Petrov, Estrella Galán, Pernando Barrena Arza, Giorgos Georgiou, Lynn Boylan, Leila Chaibi, Damien Carême, Anthony Smith, Vicent Marzà Ibáñez, Marina Mesure, Sirpa Pietikäinen, Murielle Laurent, Eric Sargiacomo, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi miżuri mmirati kontra l-faqar fl-Istrateġija biex tindirizza l-isfidi speċifiċi li jiffaċċjaw il-komunitajiet Rom; jenfasizza li kemm il-Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom, kif ukoll l-istrateġija tal-UE kontra l-faqar iridu jiġu implimentati b'mod koerenti u koordinat; itenni l-importanza li tiġi żgurata parteċipazzjoni sinifikanti tar-Rom fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' dawn il-miżuri;

Or. en

Emenda 369
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi miġġielda l-istigmatizzazzjoni tat-tfal u l-familji li jgħixu fil-faqar, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għall-ikel fl-iskejjel, l-akkomodazzjoni pubblika, il-kura tas-saħħa, u l-appoġġ psikosoċjali; jitlob mudelli ta' servizz universali u strateġiji ta' komunikazzjoni inklużivi biex jitnaqqsu l-misthija u l-ostakli għall-aċċess;

Or. en

Emenda 370
Martine Kemp, Liesbet Sommen, Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Iheġġeġ lill-Istati Membri jesploraw u jimplimentaw mekkaniżmi proattivi biex jiżguraw li l-individwi kollha eliġibbli għall-benefiċċji soċjali jkunu infurmati b'mod effettiv dwarhom u jingħataw aċċess għalihom, u b'hekk jimmitigaw in-nuqqas ta' użu tagħhom;

Or. en

Emenda 371
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13b. Jirrakkomanda li t-twassil kollu tas-servizz pubbliku għat-tfal u l-familji – inklużi l-assistenza alimentari, l-appoġġ għall-introjtu, u l-għajnuna għall-akkomodazzjoni – ikun imfassal biex jipproteġi d-dinjità, il-kunfidenzjalità u l-awtonomija tal-benefiċjarji, sabiex jiġu evitati l-ħsara sekondarja u l-esklużjoni soċjali;

Or. en

Emenda 372
Martine Kemp, Liesbet Sommen, Regina Doherty, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13b. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jissimplifikaw il-proċeduri amministrattivi għall-aċċess għall-benefiċċji tal-protezzjoni soċjali, isaħħu l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni, u jiżguraw komunikazzjoni ċara u effettiva dwar inizjattivi relatati;

Or. en

Emenda 373
Juan Carlos Girauta Vidal, Séverine Werbrouck

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jirrakkomanda li l-Istati Membri jżidu l-appoġġ għall-familji ***u l-persuni***	14. Jirrakkomanda li l-Istati Membri jżidu l-appoġġ għall-familji ***nazzjonali,***

f'sitwazzjonijiet vulnerabbli permezz ta' servizzi soċjali tas-saħħa mentali u appoġġ psikosoċjali;	***b'mod partikolari l-familji kbar***;

Or. en

Emenda 374
Villy Søvndal
f'isem il-Grupp ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jirrakkomanda li l-Istati Membri jżidu l-appoġġ għall-familji u l-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli permezz ta' servizzi soċjali tas-saħħa mentali u appoġġ psikosoċjali;	14. ***Jisħaq fuq il-fatt li l-faqar u s-saħħa mentali huma interkonnessi mill-qrib u li kull wieħed minnhom jista' jaffettwa b'mod negattiv lill-ieħor; ifakkar li l-isfidi tal-lum bħall-gwerra fl-Ukrajna, il-kriżi klimatika, iż-żieda fl-għoli tal-ħajja, għandhom impatt negattiv fuq il-kwalità tal-ħajja ta' ħafna nies fl-Ewropa; jissottolinja l-importanza li jiġi żgurat bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u ambjent tax-xogħol sikur huwa essenzjali biex jiġu żgurati l-effiċjenza u s-saħħa mentali tal-ħaddiema u jistieden lill-Kummissjoni tipproponi Direttiva tal-UE dwar id-Dritt għall-Iskonnessjoni; jinnota li s-saħħa mentali batuta hija problema li qed tikber, b'mod partikolari fost it-tfal u ż-żgħażagħ; jappella għal azzjoni urġenti biex jiġu indirizzati l-muturi soċjoekonomiċi ta' saħħa mentali ħażina u jinsisti fuq il-Kummissjoni biex tressaq proposti f'dan ir-rigward u tagħti attenzjoni partikolari lir-riskji marbuta mad-diġitalizzazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess taż-żgħażagħ għall-media soċjali u l-bullying ċibernetiku;*** jirrakkomanda li l-Istati Membri jżidu l-appoġġ għall-familji***, it-tfal*** u l-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli permezz ta' servizzi soċjali ***bikrin*** tas-saħħa mentali u appoġġ psikosoċjali;

Or. en

Emenda 375
Aodhán Ó Ríordáin, Marit Maij, Isilda Gomes, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Romana Jerković, Cecilia Strada, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jirrakkomanda li l-Istati Membri jżidu l-appoġġ għall-familji u l-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli permezz ta' servizzi soċjali tas-saħħa mentali u appoġġ psikosoċjali;	14. Jirrakkomanda li l-Istati Membri jżidu l-appoġġ għall-familji***, it-tfal*** u l-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli permezz ta' servizzi soċjali tas-saħħa mentali u appoġġ psikosoċjali ***u jiżguraw riżorsi suffiċjenti u professjonisti mħarrġa b'mod adegwat biex jipprovdu dawn is-servizzi b'mod effettiv***;

Or. en

Emenda 376
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jirrakkomanda li l-Istati Membri jżidu l-appoġġ għall-familji u l-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli permezz ta' servizzi soċjali tas-saħħa mentali u appoġġ psikosoċjali;	14. Jirrakkomanda li l-Istati Membri jżidu l-appoġġ għall-familji***, iż-żgħażagħ*** u l-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli permezz ta' servizzi soċjali tas-saħħa mentali u appoġġ psikosoċjali;

Or. en

Emenda 377
Martine Kemp, Regina Doherty, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jirrakkomanda li l-Istati Membri ***jżidu*** l-appoġġ għall-familji u l-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli permezz ta' servizzi soċjali tas-saħħa mentali u appoġġ psikosoċjali;	14. Jirrakkomanda li l-Istati Membri ***jsaħħu*** l-appoġġ għall-familji u l-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli permezz ta' servizzi soċjali tas-saħħa mentali u appoġġ psikosoċjali;

Or. en

Emenda 378
Aodhán Ó Ríordáin, Marit Maij, Isilda Gomes, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Romana Jerković, Cecilia Strada, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jenfasizza li l-persuni li jgħixu fil-faqar huma affettwati b'mod sproporzjonat mit-tibdil fil-klima, u jiffaċċjaw riskji akbar bħal saħħa ħażina, faqar enerġetiku, instabbiltà tal-akkomodazzjoni, u spostament furzat; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-Istrateġija tal-UE tindirizza direttament dawn il-piżijiet mhux ugwali u tippromwovi l-inklużjoni sħiħa tal-persuni li jesperjenzaw il-faqar fit-tranżizzjoni ekoloġika; iħeġġeġ ukoll lill-Kummissjoni timpenja biżżejjed finanzjament fil-QFP ta' wara l-2027 biex tindirizza l-faqar klimatiku, b'mod partikolari permezz ta' investimenti fl-effiċjenza enerġetika u fir-rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni, sabiex ħadd ma jitħalla jibqa' lura fit-tranżizzjoni;

Or. en

Emenda 379
Villy Søvndal
f'isem il-Grupp ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tirrikjedi li l-Istati Membri kollha jadottaw Strateġiji Nazzjonali Kontra l-Faqar, b'indikaturi speċifiċi, b'mod partikolari dwar il-faqar fost it-tfal u l-esklużjoni soċjali. Jiġi żgurat li jingħata rwol b'saħħtu lis-sħab soċjali u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili sabiex jiġi żgurat li l-persuni fil-bżonn ikollhom aċċess għall-protezzjonijiet u s-servizzi essenzjali li jeħtieġu u li jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin reali tal-faqar;

Or. en

Emenda 380
João Oliveira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat id-dritt li wieħed igawdi u joħloq il-kultura u li tiġi eliminata d-diskriminazzjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-aċċess għall-kultura; jistieden lill-Istati Membri jirrikonoxxu u jagħtu valur lir-rwol soċjali tal-ħaddiema kulturali u l-istrutturi tagħhom u jippromwovu t-titjib kontinwu tat-taħriġ u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom;

Or. pt

Emenda 381
João Oliveira, Marie Toussaint, Marit Maij, Pasquale Tridico, Hristo Petrov, Estrella Galán, Pernando Barrena Arza, Giorgos Georgiou, Lynn Boylan, Leila Chaibi, Damien

Carême, Anthony Smith, Vicent Marzà Ibáñez, Marina Mesure, Sirpa Pietikäinen, Dario Tamburrano, Murielle Laurent, Eric Sargiacomo, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Itenni li t-tranżizzjonijiet Ekoloġiċi u Diġitali jridu jkunu soċjalment ġusti u inklużivi; jistieden lill-Istrateġija tal-UE Kontra l-Faqar tinkorpora miżuri adegwati u mmirati li jsaħħu u jikkomplementaw l-isforzi ta' Tranżizzjoni Ġusta, filwaqt li tiżgura approċċ komprensiv biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi soċjali u ekonomiċi;

Or. en

Emenda 382
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Dan għandu jinkludi t-tisħiħ tar-rwol, it-taħriġ u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema soċjali u tal-professjonisti tas-sensibilizzazzjoni bbażati fil-komunità li jipprovdu appoġġ tal-ewwel linja lil individwi u familji f'sitwazzjonijiet vulnerabbli;

Or. en

Emenda 383
Liesbet Sommen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw u jimplimentaw miżuri konġunti u kkoordinati li jiżguraw il-promozzjoni ta' stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħa u l-aċċess għal nutrizzjoni tajba għas-saħħa għall-persuni li jgħixu fil-faqar;

Or. en

Emenda 384
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 3a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Il-ġlieda kontra l-faqar fiż-żoni rurali

Or. en

Emenda 385
João Oliveira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14b. Huwa tal-fehma li ħadd ma jista' jiġi mċaħħad mill-aċċess għall-ġustizzja, peress li huwa dritt fundamentali, minħabba nuqqas ta' riżorsi finanzjarji; iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw li t-tariffi legali u l-kriterji ta' eliġibbiltà għall-għajnuna legali ma jikkostitwux fattur fiċ-ċaħda tal-aċċess għall-ġustizzja għal raġunijiet ekonomiċi, b'mod partikolari għall-persuni li jgħixu fil-faqar;

Or. pt

Emenda 386
Liesbet Sommen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14b. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu tixjiħ b'saħħtu u attiv billi jiżviluppaw pjan ta' azzjoni olistiku li jiffoka fuq il-kura tas-saħħa preventiva, il-monitoraġġ tat-tixjiħ b'saħħtu fost il-gruppi vulnerabbli, u l-ħolqien ta' opportunitajiet għall-persuni akbar fl-età biex jipparteċipaw b'mod attiv fi proġetti komunitarji u fis-suq tax-xogħol;

Or. en

Emenda 387
Villy Søvndal
f'isem il-Grupp ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14b. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu t-tranżizzjoni ġusta element ċentrali tal-Istrateġija Kontra l-Faqar billi jiżguraw l-aċċessibbiltà u l-affordabbiltà tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli u tas-sistemi tat-trasport, u billi jinvolvu lill-persuni l-aktar f'riskju ta' faqar, b'mod partikolari tal-faqar enerġetiku u tat-trasport;

Or. en

Emenda 388
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jivvalutaw is-sitwazzjoni ta' proprjetajiet pubbliċi battala u vojta fiż-żoni rurali, jistabbilixxu pjanijiet ta' azzjoni biex jingħataw skop ġdid u jinċentivaw lill-persuni f'riskju ta' faqar minn żoni urbani biex jagħtu ħajja ġdida liż-żoni rurali permezz ta' kunċetti alternattivi ta' akkomodazzjoni bħal dawn;

Or. en

Emenda 389
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14b. Is-servizzi tas-saħħa mentali jridu jindirizzaw in-natura multidimensjonali tal-kwistjonijiet tas-saħħa mentali relatati mal-faqar, inklużi l-effetti kumulattivi tat-trawma, l-insigurtà tal-akkomodazzjoni, il-prekarjetà tal-impjiegi, u l-esklużjoni soċjali;

Or. en

Emenda 390
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14b. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jevalwaw il-livell ta' faqar fit-trasport, peress li madwar 20-28 % tal-popolazzjoni tal-UE[1a] jesperjenzaw xi grad ta' privazzjoni tat-trasport; jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-faqar fit-trasport jaffettwa b'mod sproporzjonat iż-żoni rurali, fejn l-għażliet tat-trasport pubbliku diġà huma limitati, u dan iżid mal-iżolament soċjali u jnaqqas l-opportunitajiet għall-mobbiltà ekonomika; jenfasizza r-rwol ewlieni li l-iżvilupp infrastrutturali għandu fuq it-tkabbir ekonomiku u soċjali taż-żoni rurali, abbażi tal-ħtieġa għal sistemi tat-trasport, b'mod partikolari dawk pubbliċi, b'kapaċità li jtejbu l-konnettività u l-aċċess għal servizzi essenzjali;
	_____
	[1a] https://www.sciencedirect.com/science/article/pii/S2214629625001227#s0050
	Or. en

Emenda 391
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14c. Jirrakkomanda l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ta' akkomodazzjoni infurmati dwar it-trawma li jqisu l-ħtiġijiet tas-saħħa mentali tal-individwi li jesperjenzaw il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar, il-vjolenza domestika, jew l-ispostament, filwaqt li jiġi żgurat li s-servizzi ta' akkomodazzjoni jipprovdu mhux biss kenn iżda wkoll sikurezza u stabbiltà emozzjonali;

Or. en

Emenda 392
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14c. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri joħolqu strateġiji adegwati biex jiġġieldu l-faqar enerġetiku fiż-żoni rurali, peress li l-unitajiet domestiċi rurali jonfqu aktar fuq l-elettriku, il-gass u fjuwils oħra mill-irħula u s-subborgi jew il-bliet[1a];
	[1a] https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC142243

Or. en

Emenda 393
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14d. Jenfasizza li l-prevenzjoni tat-telf ta' akkomodazzjoni u l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar hija wkoll forma ta' prevenzjoni ta' mard mentali; jappella għal investiment akbar fis-servizzi ta' intervent bikri, fil-programmi ta' prevenzjoni tal-iżgumbrament, u fl-approċċi ta' akkomodazzjoni l-ewwel bħala parti minn qafas integrat tas-saħħa mentali;

Or. en

Emenda 394
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14d. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħtu faċilitajiet fiskali għal dawk il-produtturi u/jew il-bejjiegħa bl-imnut tal-prodotti agroalimentari, tat-tessuti u tal-kura personali li jagħżlu li jagħmlu donazzjonijiet lil postijiet ta' kenn ta' binhar/billejl; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi network ta' djalogu bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti biex jiskambjaw l-aħjar prattiki u jiżviluppaw oqfsa ta' politika u inizjattivi ta' finanzjament;

Or. en

Emenda 395
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14e. Jisħaq li akkomodazzjoni sigura u benesseri mentali huma kruċjali għar-riintegrazzjoni sostenibbli fis-suq tax-xogħol; jappella għal programmi ta' inklużjoni attiva biex jindirizzaw b'mod sistematiku l-instabbiltà tal-akkomodazzjoni u l-ħtiġijiet tas-saħħa mentali bħala ostakli għall-impjiegi;

Or. en

Emenda 396
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14f. Is-saħħa mentali u l-appoġġ psikoloġiku għall-gruppi vulnerabbli jridu jingħataw permezz ta' approċċ modern u bbażat fil-komunità li jinkludi l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa mentali lokali, l-attivitajiet kulturali u fiżiċi, il-ħolqien ta' ambjenti soċjali sikuri, u postijiet tax-xogħol protetti u inklużivi. L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw u jimplimentaw strateġiji komprensivi dwar is-saħħa mentali li jkunu inklużivi, orjentati lejn il-ħajja, u integrati bis-sħiħ fis-servizzi soċjali u fis-sistemi tal-kura tas-saħħa primarja. Dawn l-istrateġiji jridu jirrikonoxxu l-edukazzjoni u l-postijiet tax-xogħol bħala ambjenti ewlenin għall-identifikazzjoni bikrija u l-intervent f'waqtu, filwaqt li jiżguraw appoġġ koordinat li jindirizza kemm il-prevenzjoni kif ukoll il-kura;

Or. en

Emenda 397
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14e. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jinċentivaw il-konverżjoni tal-art mistrieħa għas-sidien li ma għandhomx kapaċità finanzjarja adegwata, fost l-oħrajn permezz ta' għotjiet għal żrieragħ u inputs, sabiex titnaqqas il-privazzjoni alimentari;

Or. en

Emenda 398
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14f. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu aħjar il-mudell agrikolu urban u r-rwol tiegħu fl-indirizzar tan-nuqqas ta' sigurtà tal-ikel u fil-promozzjoni ta' stili ta' ħajja aktar tajbin għas-saħħa f'komunitajiet b'introjtu baxx billi jagħmlu użu mill-art urbana mhux utilizzata, jew tal-artijiet istituzzjonali bħal skejjel u sptarijiet, jew mill-ispazji miftuħa mhux utilizzati biżżejjed bħall-ġnub tat-toroq, tul il-linji ferrovjarji, taħt linji tal-elettriku, bjut u bwar sabiex jipproduċu ikel affordabbli;

Or. en

Emenda 399
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14g. Jistieden lill-Istati Membri jintegraw edukazzjoni dwar is-saħħa mentali xierqa għall-età u mingħajr stigma u servizzi ta' intervent bikri fl-iskejjel u fl-ambjenti komunitarji, b'enfasi biex it-tfal u l-adolexxenti jintlaħqu f'sitwazzjonijiet vulnerabbli jew żvantaġġati;

Or. en

Emenda 400
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14h (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14h. Jissottolinja li l-infermiera speċjalizzati u l-ħaddiema soċjali mħarrġa b'mod adegwat għandhom jiġu integrati bis-sħiħ fis-servizzi psikoloġiċi bbażati fil-komunità bħala parti mir-rispons għan-nuqqas ta' ħaddiema tal-kura tas-saħħa;

Or. en

Emenda 401
Martine Kemp, Regina Doherty, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Nindirizzaw il-faqar billi napprofondixxu l-parteċipazzjoni ***politika*** demokratika	Nindirizzaw il-faqar billi napprofondixxu l-parteċipazzjoni demokratika ***attiva***

Or. en

Emenda 402
Juan Carlos Girauta Vidal, Séverine Werbrouck, Rachel Blom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw mekkaniżmi adegwati, effettivi u trasparenti għall-parteċipazzjoni politika tal-persuni f'sitwazzjoni ta' faqar fit-teħid tad-	***imħassar***

deċiżjonijiet, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki indirizzati lilhom fid-diversi livelli tat-teħid tad-deċiżjonijiet;

Or. en

Emenda 403
Martine Kemp, Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw mekkaniżmi adegwati, effettivi u trasparenti għall-parteċipazzjoni politika tal-persuni f'sitwazzjoni ta' faqar fit-teħid tad-deċiżjonijiet, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni ***tal-politiki indirizzati lilhom fid-diversi livelli tat-teħid tad-deċiżjonijiet***;	15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw mekkaniżmi adegwati, effettivi u trasparenti għall-parteċipazzjoni politika tal-persuni f'sitwazzjoni ta' faqar fit-teħid tad-deċiżjonijiet, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni ***tal-Istrateġija***;

Or. en

Emenda 404
Villy Søvndal
f'isem il-Grupp ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw mekkaniżmi adegwati, effettivi u trasparenti għall-parteċipazzjoni politika tal-persuni f'sitwazzjoni ta' faqar fit-teħid tad-deċiżjonijiet, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki indirizzati lilhom fid-diversi livelli tat-teħid tad-deċiżjonijiet;	15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw mekkaniżmi adegwati, effettivi u trasparenti għall-parteċipazzjoni politika tal-persuni f'sitwazzjoni ta' faqar***, inklużi t-tfal,*** fit-teħid tad-deċiżjonijiet, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki indirizzati lilhom fid-diversi livelli tat-teħid tad-deċiżjonijiet; ***jirrikonoxxi r-rwol li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u s-***

servizzi soċjali mingħajr skop ta' qligħ għandhom fil-ġlieda kontra l-faqar u jissottolinja l-ħtieġa li jiġu involuti b'mod sinifikanti biex jiġi żgurat tfassil ta' politika inklużiv, effettiv u rappreżentattiv;

Or. en

Emenda 405
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw mekkaniżmi adegwati, effettivi u trasparenti għall-parteċipazzjoni politika tal-persuni f'sitwazzjoni ta' faqar fit-teħid tad-deċiżjonijiet, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki indirizzati lilhom fid-diversi livelli tat-teħid tad-deċiżjonijiet;	15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw mekkaniżmi ***u metodoloġija*** adegwati, effettivi u trasparenti għall-parteċipazzjoni politika tal-persuni f'sitwazzjoni ta' faqar fit-teħid tad-deċiżjonijiet, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki indirizzati lilhom fid-diversi livelli tat-teħid tad-deċiżjonijiet; ***jenfasizza li, sabiex din il-parteċipazzjoni tkun tista' ssir, trid tiġi adattata għar-realtajiet tal-persuni li jesperjenzaw il-faqar u tkun akkumpanjata minn programmi ta' bini tal-kapaċità mmirati lejn persuni li jesperjenzaw il-faqar; jitlob ukoll li tissaħħaħ il-kapaċità tagħhom li jinvolvu ruħhom b'mod attiv fil-ħajja ċivika dwar kwistjonijiet soċjetali usa';***

Or. en

Emenda 406
João Oliveira, Marie Toussaint, Marit Maij, Pasquale Tridico, Hristo Petrov, Estrella Galán, Pernando Barrena Arza, Giorgos Georgiou, Lynn Boylan, Leila Chaibi, Damien Carême, Anthony Smith, Vicent Marzà Ibáñez, Marina Mesure, Sirpa Pietikäinen, Dario Tamburrano, Murielle Laurent, Eric Sargiacomo, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw mekkaniżmi adegwati, effettivi u trasparenti għall-parteċipazzjoni ***politika*** tal-persuni f'sitwazzjoni ta' faqar ***fit-teħid tad-deċiżjonijiet***, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki indirizzati lilhom ***fid-diversi livelli tat-teħid tad-deċiżjonijiet***;	15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw mekkaniżmi adegwati, effettivi u trasparenti għall-parteċipazzjoni ***sinifikanti u kontinwa*** tal-persuni f'sitwazzjoni ta' faqar ***fl-istadji kollha tat-tfassil tal-politika inklużi t-tfassil***, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki indirizzati lilhom***, permezz tal-kokreazzjoni u mhux biss il-konsultazzjoni, f'konformità mal-prinċipju "xejn dwarhom mingħajrhom"***;

Or. en

Emenda 407
Aodhán Ó Ríordáin, Marit Maij, Isilda Gomes, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Romana Jerković, Cecilia Strada, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw mekkaniżmi adegwati, effettivi u trasparenti għall-parteċipazzjoni politika tal-persuni f'sitwazzjoni ta' faqar ***fit-teħid tad-deċiżjonijiet***, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki indirizzati lilhom fid-diversi livelli tat-teħid tad-deċiżjonijiet;	15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw mekkaniżmi adegwati, effettivi u trasparenti għall-parteċipazzjoni politika ***sinifikanti*** tal-persuni f'sitwazzjoni ta' faqar***, inkluż fit-tfassil***, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki indirizzati lilhom fid-diversi livelli tat-teħid tad-deċiżjonijiet***, u jistieden lill-Kummissjoni tinvolvi lill-persuni f'sitwazzjoni ta' faqar fl-iżvilupp tal-Istrateġija tal-UE Kontra l-Faqar***;

Or. en

Emenda 408
Sérgio Humberto, Niels Geuking

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw mekkaniżmi adegwati, effettivi u trasparenti għall-parteċipazzjoni politika tal-persuni f'sitwazzjoni ta' faqar fit-teħid tad-deċiżjonijiet, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki indirizzati lilhom fid-diversi livelli tat-teħid tad-deċiżjonijiet;	15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw mekkaniżmi adegwati, effettivi u trasparenti għall-parteċipazzjoni politika tal-persuni f'sitwazzjoni ta' faqar fit-teħid tad-deċiżjonijiet, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki indirizzati lilhom fid-diversi livelli tat-teħid tad-deċiżjonijiet***. Il-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali billi jiġu vvalutati u estiżi l-ħiliet u r-reżiljenza tal-komunitajiet. L-investiment fl-għoti tas-setgħa lill-komunitajiet lokali u ġestjoni aktar parteċipattiva, l-issodisfar tal-aspirazzjonijiet tal-gruppi soċjali differenti involuti u l-promozzjoni tal-aċċellerazzjoni u l-internalizzazzjoni tal-proċessi ta' trasformazzjoni u bidla***;

Or. pt

Emenda 409
Branislav Ondruš, Jan-Peter Warnke

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jenfasizza li l-ekonomija soċjali hija funzjonali u affidabbli għall-kisba sostenibbli tal-biċċa l-kbira tal-prinċipji u l-għanijiet imsemmija hawn fuq; l-entitajiet tal-ekonomija soċjali jipprovdu firxa sħiħa ta' servizzi għall-integrazzjoni soċjali u tax-xogħol sostenibbli ta' gruppi vulnerabbli abbażi ta' kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, inkluż il-prinċipju ta' remunerazzjoni ugwali u bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata; minbarra dan, l-operazzjonijiet tagħhom jiżguraw l-aċċessibbiltà għas-servizzi soċjali, il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni għall-persuni vulnerabbli, kif ukoll akkomodazzjoni

affordabbli;

Or. en

Emenda 410
Juan Carlos Girauta Vidal, Séverine Werbrouck

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jirrakkomanda li ssir konferenza annwali biex ***tiġi vvalutata l-implimentazzjoni tal-Istrateġija, b'kompożizzjoni wiesgħa u diversa, inklużi l-persuni f'sitwazzjoni ta' faqar***;	16. Jirrakkomanda li ssir konferenza annwali biex ***jiġi vvalutat il-faqar***;

Or. en

Emenda 411
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jirrakkomanda li ssir konferenza annwali biex tiġi vvalutata l-implimentazzjoni tal-Istrateġija, b'kompożizzjoni wiesgħa u diversa, inklużi l-persuni f'sitwazzjoni ta' faqar;	16. Jirrakkomanda li ssir konferenza annwali biex tiġi vvalutata l-implimentazzjoni tal-Istrateġija, b'kompożizzjoni wiesgħa u diversa, inklużi l-persuni f'sitwazzjoni ta' faqar***, il-komunitajiet lokali u l-partijiet ikkonċernati fl-edukazzjoni***;

Or. en

Emenda 412
Villy Søvndal
f'isem il-Grupp ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jirrakkomanda li ssir konferenza annwali biex tiġi vvalutata l-implimentazzjoni tal-Istrateġija, b'kompożizzjoni wiesgħa u diversa, inklużi l-persuni f'sitwazzjoni ta' faqar;	16. Jirrakkomanda li ssir konferenza annwali biex tiġi vvalutata l-implimentazzjoni tal-Istrateġija, b'kompożizzjoni wiesgħa u diversa, ***b'mod partikolari n-nisa,*** inklużi l-persuni f'sitwazzjoni ta' faqar;

Or. en

Emenda 413
João Oliveira, Marie Toussaint, Marit Maij, Pasquale Tridico, Hristo Petrov, Estrella Galán, Pernando Barrena Arza, Giorgos Georgiou, Lynn Boylan, Leila Chaibi, Damien Carême, Anthony Smith, Vicent Marzà Ibáñez, Marina Mesure, Sirpa Pietikäinen, Dario Tamburrano, Murielle Laurent, Eric Sargiacomo, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jirrakkomanda li ssir konferenza annwali biex tiġi vvalutata l-implimentazzjoni tal-Istrateġija, b'kompożizzjoni wiesgħa u diversa, inklużi l-persuni ***f'sitwazzjoni ta' faqar***;	16. Jirrakkomanda li ssir konferenza annwali biex tiġi vvalutata l-implimentazzjoni tal-Istrateġija, b'kompożizzjoni wiesgħa u diversa, inklużi l-persuni ***li jesperjenzaw il-faqar***;

Or. en

Emenda 414
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżviluppaw strateġiji ta' komunikazzjoni komprensivi biex jiġġieldu l-istigma u l-isterjotipi dwar

persuni li jesperjenzaw il-faqar u persuni li jirċievu assistenza soċjali; jappella għal kampanji edukattivi li jippromwovu d-dinjità tal-bniedem u l-fehim strutturali tal-faqar; jistieden ukoll lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprojbixxu diskriminazzjoni bbażata fuq l-istatus soċjoekonomiku fil-leġiżlazzjoni kif ukoll il-protezzjoni kontriha fl-impjiegi u fl-aċċess għas-servizzi; jistieden ukoll lill-Kunsill jadotta l-pożizzjoni tiegħu dwar id-direttiva orizzontali kontra d-diskriminazzjoni sabiex iniedu negozjati interistituzzjonali u jirrimedjaw id-distakki fil-leġiżlazzjoni tal-UE kontra d-diskriminazzjoni;

Or. en

Emenda 415
João Oliveira, Marie Toussaint, Marit Maij, Pasquale Tridico, Hristo Petrov, Estrella Galán, Pernando Barrena Arza, Giorgos Georgiou, Lynn Boylan, Leila Chaibi, Damien Carême, Anthony Smith, Vicent Marzà Ibáñez, Marina Mesure, Dario Tamburrano, Murielle Laurent, Eric Sargiacomo, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jenfasizza li l-konferenza għandha tikkontribwixxi għall-monitoraġġ formali tal-UE tal-Istrateġija billi tipprovdi spazju għar-rieżami tal-progress skont punti ta' riferiment u indikaturi ċari; jitlob, f'dan ir-rigward, li l-parteċipazzjoni diretta ta' persuni b'esperjenza ħajja ta' faqar tiġi appoġġjata b'mod attiv u rikonoxxuta bħala essenzjali għall-evalwazzjoni tal-impatt reali tal-Istrateġija;

Or. en

Emenda 416
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16b. Jissottolinja li l-faqar iżid ir-riskju li individwi jiffaċċjaw preġudizzju u jitfassal profil tagħhom abbażi ta' ċirkostanzi soċjoekonomiċi, li jista' jwassal għal interventi sproporzjonati ta' infurzar tal-liġi; jenfasizza li l-persuni li jesperjenzaw il-faqar spiss jiffaċċjaw ostakli biex jaċċessaw rappreżentanza legali ta' kwalità u suffiċjenti; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-kapaċità istituzzjonali biex jiġġieldu l-preġudizzju relatat mal-isfond soċjoekonomiku; jisħaq li l-isforzi u l-finanzjament iridu jiġu allokati kemm għall-inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni u ta' bini tal-kapaċità fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-infurzar tal-liġi, kif ukoll għall-għoti tas-setgħa lill-persuni li jesperjenzaw il-faqar billi jissaħħaħ l-għarfien tagħhom dwar id-drittijiet tagħhom, il-mekkaniżmi tal-ilmenti, u l-mezzi ta' appoġġ disponibbli;

Or. en

Emenda 417
Juan Carlos Girauta Vidal, Séverine Werbrouck, Rachel Blom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Huwa tal-fehma li l-Kummissjoni għandha żżid ir-riżorsi tagħha mmirati biex jappoġġjaw lill-organizzazzjonijiet soċjali ta' tipi differenti involuti fil-ġlieda kontra l-faqar u l-prevenzjoni tiegħu;	***imħassar***

Or. en

Emenda 418
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Huwa tal-fehma li l-Kummissjoni għandha żżid ir-riżorsi tagħha mmirati biex jappoġġjaw lill-organizzazzjonijiet soċjali ta' tipi differenti involuti fil-ġlieda kontra l-faqar u l-prevenzjoni tiegħu;	17. Huwa tal-fehma li l-Kummissjoni għandha żżid ir-riżorsi tagħha mmirati biex jappoġġjaw lill-organizzazzjonijiet soċjali ta' tipi differenti involuti fil-ġlieda kontra l-faqar u l-prevenzjoni tiegħu; ***jappella biex l-Istrateġija Kontra l-Faqar tiżgura li r-riċevituri finali ma jiġux imċaħħda mill-benefiċċji tal-fondi soċjali tal-UE fil-każ li jiġu applikati sanzjonijiet għall-gvern tagħhom f'konformità mar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt[1a] u l-approċċ ta' kundizzjonalità intelliġenti;***
	[1a] ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 1–10.

Or. en

Emenda 419
Villy Søvndal
f'isem il-Grupp ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Huwa tal-fehma li l-Kummissjoni għandha żżid ir-riżorsi tagħha mmirati biex jappoġġjaw lill-organizzazzjonijiet soċjali ta' tipi differenti involuti fil-ġlieda kontra l-faqar u l-prevenzjoni tiegħu;	17. Huwa tal-fehma li l-Kummissjoni għandha żżid ir-riżorsi tagħha mmirati biex jappoġġjaw lill-organizzazzjonijiet soċjali ta' tipi differenti***, inklużi dawk mingħajr skop ta' qligħ,*** involuti fil-ġlieda kontra l-faqar u l-prevenzjoni tiegħu;

Or. en

Emenda 420
Sérgio Humberto, Martine Kemp, Niels Geuking

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jafferma mill-ġdid l-importanza tal-koordinazzjoni orizzontali u l-governanza f'diversi livelli fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali;

Or. pt

Emenda 421
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 4a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Strateġija bil-faqar fost it-tfal fil-qalba tagħha

Or. en

Emenda 422
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jesprimi tħassib dwar il-fatt li filwaqt li l-għadd ta' persuni f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali naqas bi ftit mill-2019, l-għadd ta' tfal f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali żdied; jenfasizza li għad hemm madwar 20 miljun tifel u tifla fl-Unjoni Ewropea f'riskju ta' faqar

jew esklużjoni soċjali; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-Istrateġija tal-UE Kontra l-Faqar tieħu approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja u tpoġġi l-faqar fost it-tfal fil-qalba tal-objettivi tagħha, u ssaħħaħ il-Garanzija Ewropea għat-Tfal sabiex jitkisser iċ-ċiklu intergenerazzjonali tal-iżvantaġġ;

Or. en

Emenda 423
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17b. jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-faqar, l-instabbiltà tal-akkomodazzjoni jew in-nuqqas ta' aċċess għal servizzi pubbliċi adegwati qatt ma jkunu l-uniċi raġunijiet għat-tqegħid bla bżonn tat-tfal f'kura istituzzjonali; iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżviluppaw strateġiji nazzjonali ta' prevenzjoni li jappoġġjaw il-preservazzjoni tal-familja permezz ta' appoġġ immirat bħall-appoġġ għall-introjtu, akkomodazzjoni affordabbli, servizzi bbażati fil-komunità, servizzi soċjali ta' intervent bikri, u appoġġ għall-ħidma soċjali; jenfasizza li dawn il-miżuri ta' appoġġ għall-familji għandhom jiġu implimentati wkoll meta t-tfal jitqiegħdu f'kura alternattiva, bl-għan li jippermettu r-riunifikazzjoni; jirrakkomanda lill-Istati Membri jfasslu u jimplimentaw mekkaniżmi ta' monitoraġġ biex jidentifikaw is-separazzjoni tal-familja relatata mal-faqar;

Or. en

Emenda 424
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17c. jistieden lill-Kummissjoni tibni l-Istrateġija Kontra l-Faqar fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-iżvilupp u t-tisħiħ ta' sistemi integrati għall-protezzjoni tat-tfal fl-interess tat-tfal, u b'mod partikolari jappella għal investiment sostnut f'sistemi proattivi u ffukati fuq il-familja għall-protezzjoni tat-tfal, inkluż persunal adegwat, żvilupp professjonali kontinwu, u żamma tal-persunal; jenfasizza li l-promozzjoni tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-professjonisti kollha li jaħdmu mat-tfal, inklużi l-ħaddiema soċjali, l-edukaturi, il-fornituri tal-kura tas-saħħa, u l-persunal ta' appoġġ għall-familja hija essenzjali għal strateġiji ta' prevenzjoni effettivi mmirati lejn it-tnaqqis tas-separazzjoni tal-familja;

Or. en

Emenda 425
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17d. jikkundanna l-forom kollha ta' vjolenza, abbuż, sfruttament u negliġenza fir-rigward tat-tfal; jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw u jimplimentaw sistemi integrati għall-prevenzjoni u l-protezzjoni tat-tfal, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' April 2024 dwar l-iżvilupp u t-tisħiħ ta' sistemi integrati għall-protezzjoni tat-

tfal fl-aħjar interessi tat-tfal[1a]; jistieden lill-Istrateġiji Kontra l-Faqar jagħtu attenzjoni partikolari lill-vjolenza fost it-tfal, inklużi l-vjolenza ċibernetika u l-bullying, speċjalment meta jkunu bbażati fuq raġunijiet soċjoekonomiċi u jaffettwaw lit-tfal vulnerabbli, sabiex jinkoraġġixxu l-iskambju tal-aħjar prattiki f'dan il-qasam bil-ħsieb li jinqerdu l-vjolenza u l-fastidju;

[1a] ĠU L, 2024/1238, 14.5.2024.

Or. en

Emenda 426
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17e. jenfasizza li t-tfal affettwati mill-faqar u l-esklużjoni soċjali jiffaċċjaw diffikultajiet f'diversi oqsma tal-iżvilupp tagħhom; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza ta' approċċ multisettorjali li fih il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha jaħdmu fi sħubija biex tiġi żviluppata strateġija integrata biex jiġu identifikati d-diffikultajiet u jiġu miġġielda l-inugwaljanzi fit-tfulija, filwaqt li jiġu pprovduti servizzi ta' protezzjoni tat-tfal u ta' appoġġ għall-familja; jenfasizza li xi tfal u l-familji tagħhom affettwati mill-faqar jistgħu jeħtieġu appoġġ speċifiku, bħal pereżempju minn terapisti tat-taħdit, oftalmologi, psikologi, terapisti okkupazzjonali u nutrizzjonisti; jistieden lill-Istrateġija Kontra l-Faqar tippromwovi b'mod attiv is-sħubijiet bejn is-servizzi edukattivi, tas-saħħa u soċjali sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-kura u t-trasferiment tal-informazzjoni bejn is-

servizzi bl-għan li jittejbu l-mekkaniżmi integrati ta' appoġġ u koordinazzjoni għat-tfal fil-bżonn;

Or. en

Emenda 427
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17f. jistieden lill-Istati Membri jiżguraw orjentazzjoni ffukata fuq it-tfal tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali tagħhom u jsaħħuhom billi jipprovdu benefiċċji speċifiċi għat-tfal fil-bżonn biex jappoġġjaw l-iżvilupp u l-benesseri tagħhom, bħal allowances tat-tfal, ikliet fl-iskejjel, u programmi ta' tnaqqis tal-ispejjeż għal attivitajiet kulturali, sportivi, ta' divertiment u ekstrakurrikulari;

Or. en

Emenda 428
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17g. ifakkar fl-objettiv tal-Unjoni ta' tranżizzjoni mill-kura istituzzjonali għall-kura komunitarja jew f'familja; jirrikonoxxi l-opportunità pprovduta mill-Istrateġija Kontra l-Faqar biex jinbnew pontijiet mal-Garanzija Ewropea għat-Tfal, b'mod partikolari b'miżuri li jappoġġjaw il-grupp fil-mira ta' tfal f'kura istituzzjonali; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-fondi tal-FSE+ kif ukoll minn fondi Ewropej u nazzjonali rilevanti oħra sabiex jiffinalizzaw il-proċess ta' deistituzzjonalizzazzjoni ħalli jiġi żgurat li

t-tfal ikunu jistgħu jgħixu f'ambjent familjari jew komunitarju;

Or. en

Emenda 429
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17h (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***17h. jisħaq fuq il-ħtieġa li tittejjeb il-kwalità tas-servizzi tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal (ECEC) sabiex jiġu ggarantiti opportunitajiet indaqs għat-tfal kollha mill-aktar età bikrija; iqis li l-Istrateġija Kontra l-Faqar hija opportunità biex jiġi promoss it-titjib tal-kwalità tas-servizzi tal-ECEC permezz ta' riżorsi finanzjarji u umani adegwati, taħriġ pedagoġiku xieraq għall-persunal b'għarfien speċjalizzat dwar il-psikoloġija tat-tfal, sistemi mtejba ta' twissija bikrija u miżuri għall-evalwazzjoni u t-titjib kontinwu tal-kwalità pedagoġika sabiex jiġi żgurat l-iżvilupp ġenerali tat-tfal; ifakkar li, minħabba li d-distakki fil-parteċipazzjoni jibqgħu sinifikanti, huwa rakkomandat li l-Istati Membri jintroduċu miżuri mmirati biex iżidu l-parteċipazzjoni tat-tfal b'diżabbiltà[1b] u t-tfal Rom[1c] fl-ECEC; jistieden lill-Istati Membri jiffaċilitaw l-aċċess għas-servizzi tal-ECEC, pereżempju billi b'mod proattiv jinfurmaw lill-ġenituri dwar il-postijiet disponibbli, jew jassistu lill-familji vulnerabbli bil-proċeduri amministrattivi jew jipprovdulhom appoġġ finanzjarju;**

[1b] ĠU C 484, 20.12.2022, p. 1–12.

[1c] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, "Unjoni tal-Ugwaljanza: Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni",

(COM(2020) 620 final).

Or. en

Emenda 430
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Kooperazzjoni istituzzjonali xierqa u riżorsi baġitarji adegwati	***Koordinazzjoni*** istituzzjonali xierqa***, governanza*** u riżorsi baġitarji adegwati

Or. en

Emenda 431
Aodhán Ó Ríordáin, Marit Maij, Isilda Gomes, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Romana Jerković, Cecilia Strada, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. ***Iqis*** li s-suċċess tal-Istrateġija se jiddependi ***wkoll*** fuq ***il-kooperazzjoni xierqa bejn id-diversi livelli*** ta' teħid ta' deċiżjonijiet ***u ta' intervent***;	18. ***Jissottolinja*** li s-suċċess tal-Istrateġija se jiddependi fuq ***approċċ intersezzjonali, finanzjament adegwat, kif ukoll koordinazzjoni effettiva bejn il-livelli kollha ta' governanza u korpi*** ta' teħid ta' deċiżjonijiet ***involuti fit-twettiq tagħha***; ***itenni l-ħtieġa li l-Istrateġija tiġi integrata b'mod komprensiv fil-politiki rilevanti kollha tal-Unjoni;***

Or. en

Emenda 432
Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Iqis li s-suċċess tal-Istrateġija se	18. Iqis li s-suċċess tal-Istrateġija se

jiddependi wkoll fuq il-kooperazzjoni xierqa bejn id-diversi livelli ta' teħid ta' deċiżjonijiet u ta' intervent;	jiddependi wkoll fuq il-kooperazzjoni xierqa bejn id-diversi livelli ta' teħid ta' deċiżjonijiet u ta' intervent***, inkluża l-amministrazzjoni lokali***; ***jistieden lill-Istati Membri jiffinanzjaw b'mod adegwat dawn is-servizzi pubbliċi essenzjali biex jiżguraw l-aċċessibbiltà u l-kwalità tagħhom;***

Or. en

Emenda 433
Villy Søvndal
f'isem il-Grupp ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Iqis li s-suċċess tal-Istrateġija se jiddependi wkoll fuq il-kooperazzjoni xierqa bejn id-diversi livelli ta' teħid ta' deċiżjonijiet u ta' intervent;	18. Iqis li s-suċċess tal-Istrateġija se jiddependi wkoll fuq il-kooperazzjoni xierqa bejn id-diversi livelli ta' teħid ta' deċiżjonijiet u ta' intervent; ***kif ukoll dwar l-integrazzjoni effettiva tagħha fl-oqfsa ta' politika ġenerali tal-UE – bħas-Semestru Ewropew, l-aġenda tal-Kompetittività, it-Tranżizzjoni Ġusta, u l-Qafas ta' Konverġenza Soċjali – u dwar l-istabbiliment ta' rabtiet b'saħħithom u koerenti mal-Unjoni ta' Ugwaljanza u l-istrateġiji assoċjati tagħha, biex jiġu żgurati l-konsistenza, l-impatt u s-sostenibbiltà fit-tul;***

Or. en

Emenda 434
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Iqis li s-suċċess tal-Istrateġija se jiddependi wkoll fuq il-kooperazzjoni xierqa bejn id-diversi livelli ta' teħid ta' deċiżjonijiet u ta' intervent;	18. Iqis li s-suċċess tal-Istrateġija se jiddependi wkoll fuq il-kooperazzjoni xierqa bejn id-diversi livelli ta' teħid ta' deċiżjonijiet u ta' intervent ***u fuq il-komplementarjetà bejn l-Istrateġija Kontra l-Faqar u inizjattivi oħra tal-UE bħall-pjan ta' azzjoni mġedded li jmiss dwar l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali***;

Or. en

Emenda 435
Sérgio Humberto, Niels Geuking

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Iqis li s-suċċess tal-Istrateġija se jiddependi wkoll fuq il-kooperazzjoni xierqa bejn id-diversi livelli ta' teħid ta' deċiżjonijiet u ta' intervent;	18. Iqis li s-suċċess tal-Istrateġija se jiddependi wkoll fuq il-kooperazzjoni xierqa bejn id-diversi livelli ta' teħid ta' deċiżjonijiet u ta' intervent***, kif ukoll fis-settur pubbliku u dak privat, u f'oqsma varji speċifiċi għas-settur***;

Or. pt

Emenda 436
Juan Carlos Girauta Vidal, Séverine Werbrouck, Rachel Blom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Iqis li s-suċċess ***tal-Istrateġija*** se jiddependi wkoll fuq il-kooperazzjoni xierqa bejn id-diversi livelli ta' teħid ta' deċiżjonijiet u ta' intervent;	18. Iqis li s-suċċess ***ta' strateġija kontra l-faqar*** se jiddependi wkoll fuq il-kooperazzjoni xierqa bejn id-diversi livelli ta' teħid ta' deċiżjonijiet u ta' intervent;

Or. en

Emenda 437
Juan Carlos Girauta Vidal, Séverine Werbrouck, Nikola Bartůšek, Pál Szekeres, Rachel Blom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jirrakkomanda lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jippromwovu u jiffinanzjaw it-taħriġ vokazzjonali bħala mezz effettiv għall-ġlieda kontra l-faqar;

Or. en

Emenda 438
Juan Carlos Girauta Vidal, Séverine Werbrouck, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19b. Jirrakkomanda lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipproteġu u jippromwovu l-impjiegi tradizzjonali biex jiġġieldu kontra l-faqar ta' dawk li jwettqu tali impjiegi;

Or. en

Emenda 439
Juan Carlos Girauta Vidal, Séverine Werbrouck, Nikola Bartůšek, Rachel Blom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19c. Jistieden lill-Kummissjoni

Ewropea timmonitorja l-livell rispettiv ta' faqar fl-Istati Membri differenti, filwaqt li tiżgura li l-istatistika tkun realistika;

Or. en

Emenda 440
Juan Carlos Girauta Vidal, Séverine Werbrouck, Rachel Blom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi fl-Istrateġija prinċipju orizzontali li jqis l-impatti tal-politiki settorjali fuq il-faqar u li jinkorpora l-obbligu li titwettaq analiżi tal-impatt ex ante;	***imħassar***

Or. en

Emenda 441
João Oliveira, Marie Toussaint, Marit Maij, Pasquale Tridico, Hristo Petrov, Estrella Galán, Pernando Barrena Arza, Giorgos Georgiou, Lynn Boylan, Leila Chaibi, Damien Carême, Anthony Smith, Vicent Marzà Ibáñez, Marina Mesure, Sirpa Pietikäinen, Dario Tamburrano, Murielle Laurent, Eric Sargiacomo, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi fl-Istrateġija prinċipju orizzontali li ***jqis l-impatti tal-politiki*** settorjali ***fuq il-faqar u li jinkorpora l-obbligu li titwettaq*** analiżi tal-impatt *ex ante*;	20. Jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi fl-Istrateġija prinċipju orizzontali li ***jirrikjedi l-politiki*** settorjali ***tal-UE rilevanti kollha jwettqu*** analiżi tal-impatt *ex ante* ***dwar il-faqar u l-inugwaljanza, inkluż permezz tal-użu sistematiku tal-valutazzjonijiet tal-impatt fuq l-ugwaljanza u d-drittijiet tal-bniedem (EQHRIAs) u l-valutazzjonijiet tal-impatt distributtiv (DIAs)[1a] b'attenzjoni partikolari għall-effetti fuq dawk l-aktar***

f'riskju li jesperjenzaw l-esklużjoni soċjali u l-faqar estrem;

_____

*[1a] **COM/2022/494 final***

Or. en

Emenda 442
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi fl-Istrateġija prinċipju orizzontali li jqis l-impatti tal-politiki settorjali fuq il-faqar u li ***jinkorpora l-obbligu li titwettaq analiżi*** tal-impatt ***ex ante***;	20. Jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi fl-Istrateġija prinċipju orizzontali li jqis l-impatti tal-politiki settorjali ***rilevanti*** fuq il-faqar u li ***jinkludi t-tisħiħ mill-ġdid tal-komponent dwar il-faqar u l-inugwaljanza tal-valutazzjoni*** tal-impatt ***tiegħu abbażi ta' użu aktar sistematiku tal-Valutazzjoni tal-Impatti Distributtivi***;

Or. en

Emenda 443
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi fl-Istrateġija prinċipju orizzontali li jqis ***l-impatti*** tal-politiki settorjali fuq il-faqar u li jinkorpora l-obbligu li titwettaq analiżi tal-impatt *ex ante*;	20. Jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi fl-Istrateġija prinċipju orizzontali li jqis ***l-impatt potenzjali*** tal-politiki settorjali fuq il-faqar u li jinkorpora l-obbligu li titwettaq analiżi tal-impatt *ex ante*;

Or. en

Emenda 444
Liesbet Sommen, Martine Kemp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jenfasizza, b'attenzjoni partikolari għall-gruppi l-aktar vulnerabbli, il-ħtieġa li l-UE tkompli tiffoka b'mod attiv fuq tliet pilastri essenzjali fil-ġlieda kontra l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar, il-faqar estrem u l-esklużjoni soċjali, jiġifieri: appoġġ finanzjarju adegwat, il-promozzjoni tat-tagħlim reċiproku, u approċċ sistematiku għar-reġistrazzjoni u l-monitoraġġ; jenfasizza li dawn l-isforzi jistgħu jkunu effettivi biss permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri tal-UE, l-istituzzjonijiet tal-UE, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, u s-soċjetà ċivili, b'mod partikolari permezz tal-Pjattaforma Ewropea għall-Ġlieda kontra l-Kundizzjoni ta' Persuni Mingħajr Dar (EPOCH), u fil-qafas tad-Dikjarazzjoni ta' Liżbona;

Or. en

Emenda 445
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jappella għar-rikonoxximent strateġiku tal-ekonomija tal-kura bħala pilastru tal-impjiegi sostenibbli u r-reżiljenza soċjali; jenfasizza li l-investiment fl-indukrar tat-tfal, fil-kura tad-diżabbiltà, fil-kura fit-tul u fid-dar jista' jiġġenera impjiegi ta' kwalità għolja, ankrati lokalment, u fil-biċċa l-kbira nisa filwaqt li jissodisfa l-ħtiġijiet

demografiċi u soċjali urġenti;

Or. en

Emenda 446
Juan Carlos Girauta Vidal, Séverine Werbrouck, Rachel Blom

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jirrakkomanda li l-Istrateġija jkollha persuna responsabbli minnha fil-livell tal-Kummissjoni Ewropea u li kull Stat Membru jaħtar koordinatur nazzjonali u jfassal pjan ta' azzjoni nazzjonali, li jinvolvi lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-implimentazzjoni tiegħu, kif ukoll lill-organizzazzjonijiet involuti fil-ġlieda kontra l-faqar u l-prevenzjoni tiegħu;	***imħassar***

Or. en

Emenda 447
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jirrakkomanda li l-Istrateġija jkollha persuna responsabbli minnha fil-livell tal-Kummissjoni Ewropea ***u li kull Stat Membru jaħtar koordinatur nazzjonali u jfassal pjan*** ta' azzjoni nazzjonali***, li jinvolvi lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-implimentazzjoni tiegħu, kif ukoll lill-organizzazzjonijiet involuti fil-ġlieda kontra l-faqar u l-prevenzjoni tiegħu***;	21. Jirrakkomanda li l-Istrateġija jkollha persuna responsabbli minnha fil-livell tal-Kummissjoni Ewropea***, filwaqt li tagħti s-setgħa lill-atturi lokali biex ikunu minn ta' quddiem fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet*** ta' azzjoni nazzjonali;

Or. en

Emenda 448
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jirrakkomanda li l-Istrateġija jkollha persuna responsabbli minnha fil-livell tal-Kummissjoni Ewropea ***u*** li kull Stat Membru jaħtar koordinatur nazzjonali u jfassal pjan ta' azzjoni nazzjonali, li jinvolvi lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-implimentazzjoni tiegħu, kif ukoll lill-organizzazzjonijiet involuti fil-ġlieda kontra l-faqar u l-prevenzjoni tiegħu;	21. Jirrakkomanda li l-Istrateġija jkollha persuna responsabbli minnha fil-livell tal-Kummissjoni Ewropea ***appoġġjata minn tim iddedikat inkarigat mis-sorveljanza tal-implimentazzjoni u l-koordinazzjoni tal-Istrateġija tal-UE Kontra l-Faqar kif ukoll il-monitoraġġ tal-integrazzjoni tal-objettivi tal-Istrateġija f'politiki oħra tal-UE; jenfasizza li din il-persuna għandu jkollha l-mezzi biex tikkoordina azzjonijiet b'appoġġ għall-Istrateġija fil-livelli Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali u bejn dawn il-livelli, u biex taġixxi bħala punt uniku ta' kuntatt għas-soċjetà ċivili u l-persuni li qed jesperjenzaw il-faqar; jirrakkomanda*** li kull Stat Membru jaħtar koordinatur nazzjonali u jfassal pjan ta' azzjoni nazzjonali, li jinvolvi lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-implimentazzjoni tiegħu, kif ukoll lill-organizzazzjonijiet involuti fil-ġlieda kontra l-faqar u l-prevenzjoni tiegħu;

Or. en

Emenda 449
Aodhán Ó Ríordáin, Marit Maij, Isilda Gomes, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Romana Jerković, Cecilia Strada, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. ***Jirrakkomanda li l-Istrateġija jkollha persuna responsabbli minnha fil-***	21. ***Jappella għal taskforce maħtura mill-Kummissjoni*** Ewropea ***biex teqred il-***

livell tal-Kummissjoni Ewropea ***u*** li kull Stat Membru jaħtar koordinatur nazzjonali ***u jfassal pjan*** ta' azzjoni nazzjonali***, li jinvolvi*** lill-awtoritajiet lokali u reġjonali ***fl-implimentazzjoni tiegħu, kif ukoll lill-organizzazzjonijiet*** involuti fil-ġlieda kontra l-faqar ***u l-prevenzjoni tiegħu***;	***faqar*** li ***għaliha*** kull Stat Membru ***għandu*** jaħtar koordinatur nazzjonali***; jissottolinja l-importanza li l-Istati Membri jimplimentaw l-Istrateġija permezz ta' pjanijiet*** ta' azzjoni nazzjonali ***kontra l-faqar, bl-involviment ta' persuni b'esperjenza ħajja ta' faqar, l-awtoritajiet*** lokali u reġjonali u l-organizzazzjonijiet involuti fil-ġlieda kontra l-faqar;

Or. en

Emenda 450
Villy Søvndal
f'isem il-Grupp ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jirrakkomanda li l-Istrateġija jkollha ***persuna*** responsabbli ***minnha*** fil-livell tal-Kummissjoni Ewropea u li kull Stat Membru jaħtar koordinatur nazzjonali u jfassal pjan ta' azzjoni nazzjonali, li jinvolvi lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-implimentazzjoni tiegħu***, kif ukoll lill-organizzazzjonijiet involuti*** fil-ġlieda kontra l-faqar u l-prevenzjoni tiegħu;	21. Jirrakkomanda li l-Istrateġija jkollha ***task force maħtura*** responsabbli fil-livell tal-Kummissjoni Ewropea u li kull Stat Membru jaħtar koordinatur nazzjonali u jfassal pjan ta' azzjoni nazzjonali, li jinvolvi lill-awtoritajiet lokali u reġjonali***, is-sħab soċjali u l-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili b'għarfien espert*** fl-implimentazzjoni tiegħu fil-ġlieda kontra l-faqar u l-prevenzjoni tiegħu;

Or. en

Emenda 451
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jenfasizza li s-Semestru Ewropew għandu jintegra l-objettivi soċjali fuq l-istess livell ma' dawk ekonomiċi; jistieden

lill-Kummissjoni tagħmel użu sħiħ mir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż biex tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-faqar, issaħħaħ l-investiment soċjali, is-servizzi pubbliċi u s-sistemi ta' protezzjoni soċjali, tivvaluta l-impatt distributtiv tal-politiki u tippromwovi tassazzjoni progressiva;

Or. en

Emenda 452
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jitlob li l-Istrateġija tinkludi prinċipju orizzontali dwar l-investiment fil-forza tax-xogħol tas-servizzi soċjali u l-appoġġ għaliha, filwaqt li jiġi rikonoxxut ir-rwol kritiku tagħhom fil-prevenzjoni u l-indirizzar tal-faqar, u tiġi żgurata l-kontinwità tal-kura u r-riintegrazzjoni soċjali;

Or. en

Emenda 453
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21b. Jitlob li jsir titjib fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali sabiex jiġu koperti l-20 prinċipju tal-EPSR permezz tal-introduzzjoni ta' indikaturi li jirriflettu x-xejriet u l-kawżi tal-faqar, bħall-impjiegi ta' kwalità u l-faqar fost dawk li jaħdmu, id-distribuzzjoni tal-ġid, l-aċċess għas-

servizzi pubbliċi, il-kopertura tas-servizzi soċjali, il-piż eċċessiv tal-kost tal-abitazzjoni, il-pensjonijiet adegwati, is-saħħa mentali, id-diskriminazzjoni u l-qgħad;

Or. en

Emenda 454
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21c. Ifakkar li l-indikatur tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) jonqos milli jinkludi l-kawżi ewlenin tal-faqar, b'mod partikolari l-inklużjoni ta' persuni li jgħixu barra mill-unitajiet domestiċi privati, l-aspetti kwalitattivi tal-faqar u l-esperjenzi li għexu ta' marġinalizzazzjoni; jissottolinja li l-faqar jestendi lil hinn minn introjtu insuffiċjenti jew privazzjoni materjali; jistieden lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali jaħdem mal-partijiet ikkonċernati rilevanti dwar it-tiġdid tal-miżura statistika AROPE sabiex din tespandi lejn viżjoni aktar b'saħħitha, diżaggregata u aktar multidimensjonali tal-faqar u l-esklużjoni soċjali;

Or. en

Emenda 455
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21d. Jilqa' l-istabbiliment ta' qafas biex jiġu identifikati r-riskji għall-konverġenza soċjali fi ħdan is-Semestru Ewropew u li r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi (JER) tal-2025 jipprovdi analiżi speċifika għall-pajjiż ibbażata fuq il-prinċipji tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali; jistieden lill-Kummissjoni, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Istrateġija Kontra l-Faqar, tkompli tiżviluppa għodod ta' analiżi kwantitattivi u kwalitattivi innovattivi taħt dan il-Qafas il-ġdid sabiex isir l-aħjar użu minnu fiċ-ċikli futuri tas-Semestru Ewropew;

Or. en

Emenda 456
Villy Søvndal
f'isem il-Grupp ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. ***Jitlob li jissaħħaħ*** il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss ***u li jsir użu aħjar mill-FSE+, l-FEŻR, l-FEAD u l-AMIF sabiex jissaħħu l-politiki li jikkontribwixxu għall-qerda tal-faqar***;	22. ***Jinsisti fuq il-ħtieġa li tiġi ssalvagwardjata u msaħħa l-politika ta' koeżjoni sabiex tkompli tiġi appoġġjata l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-Ewropa taħt*** il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss;

Or. en

Emenda 457
Branislav Ondruš, Jan-Peter Warnke

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jitlob li jissaħħaħ il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss u li jsir użu aħjar mill-FSE+, ***l-FEŻR***, ***l-FEAD*** u l-AMIF sabiex jissaħħu l-politiki li jikkontribwixxu għall-qerda tal-faqar;	22. Jitlob li jissaħħaħ il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss u li jsir użu aħjar mill-FSE+, ***il-FEŻR***, ***il-FEAD*** u l-AMIF sabiex jissaħħu l-politiki li jikkontribwixxu għall-qerda tal-faqar; ***f'dan ir-rigward jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw regoli formali dwar il-preferenza obbligatorja għall-investiment fi proġetti u soluzzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ bħal u b'mod partikolari intrapriżi soċjali, kooperattivi u entitajiet pubbliċi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw b'mod obbligatorju l-prinċipji tar-responsabbiltà soċjali fl-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat;***

Or. en

Emenda 458
Aodhán Ó Ríordáin, Marit Maij, Isilda Gomes, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Romana Jerković, Cecilia Strada, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jitlob li jissaħħaħ il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss u ***li jsir użu aħjar mill-FSE+, l-FEŻR, l-FEAD u l-AMIF sabiex*** jissaħħu l-politiki li jikkontribwixxu għall-qerda tal-faqar;	22. Jitlob it-tisħiħ tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss u ***allokazzjoni ta' fondi miżjuda u delimitata b'mod sinifikanti biex*** jissaħħu l-politiki li jikkontribwixxu għall-qerda tal-faqar ***u jiġi żgurat appoġġ immirat għall-gruppi emarġinati u vulnerabbli, bl-għan li tinkiseb koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali madwar l-Ewropa***; ***jenfasizza r-rwol essenzjali tal-FSE+, b'mod partikolari l-FEAD u l-Garanzija Ewropea għat-Tfal, kif ukoll il-FEŻR u l-AMIF f'dan il-kuntest;***

Or. en

Emenda 459
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jitlob li jissaħħaħ il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss u li jsir użu aħjar mill-FSE+, ***l-FEŻR***, ***l-FEAD*** u l-AMIF sabiex jissaħħu l-politiki li jikkontribwixxu għall-qerda tal-faqar;	22. ***Jenfasizza li l-Istrateġija Kontra l-Faqar se tagħti riżultati biss jekk tkun akkumpanjata minn finanzjament adegwat fil-livell Ewropew u nazzjonali;*** jitlob li jissaħħaħ il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss u li jsir użu aħjar mill-FSE+, ***il-FEŻR***, ***il-FEAD, is-CERV*** u l-AMIF sabiex jissaħħu l-politiki li jikkontribwixxu għall-qerda tal-faqar; ***jisħaq fuq l-importanza li jiġi ottimizzat l-użu tal-fondi tal-UE, inkluża l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), biex jiġu ffinanzjati miżuri konkreti kontra l-faqar bħal akkomodazzjoni affordabbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija, aċċess għal edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal ta' kwalità, trasport pubbliku aċċessibbli, u appoġġ enerġetiku mmirat għal unitajiet domestiċi b'introjtu baxx; jistieden ukoll lill-Kummissjoni Ewropea żżomm il-kundizzjoni abilitanti tematika tal-fondi tal-UE għall-istabbiliment ta' qafas ta' politika strateġika nazzjonali għall-inklużjoni soċjali u t-tnaqqis tal-faqar fil-QFP li jmiss;***

Or. en

Emenda 460
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jitlob li jissaħħaħ il-qafas	22. Jitlob li jissaħħaħ il-qafas

finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss u li jsir użu aħjar mill-FSE+, ***l-FEŻR***, ***l-FEAD u l-AMIF*** sabiex jissaħħu l-politiki li jikkontribwixxu għall-qerda tal-faqar;	finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss u li jsir użu aħjar mill-FSE+, ***il-FEŻR***, ***u*** l-FEAD sabiex jissaħħu l-politiki li jikkontribwixxu għall-qerda tal-faqar;

Or. en

Emenda 461
Martine Kemp, Liesbet Sommen, Regina Doherty

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jitlob li jissaħħaħ il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss u li jsir użu aħjar mill-FSE+, ***l-FEŻR***, ***l-FEAD*** u l-AMIF sabiex jissaħħu l-politiki li jikkontribwixxu ***għall-qerda tal-faqar***;	22. Jitlob li jissaħħaħ il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss u li jsir użu aħjar mill-FSE+, ***il-FEŻR***, ***il-FEAD*** u l-AMIF sabiex jissaħħu l-politiki li jikkontribwixxu ***biex jintemm il-faqar***;

Or. en

Emenda 462
João Oliveira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***22a. Ifakkar fil-kundizzjonijiet abilitanti tematiċi applikabbli għall-FEŻR, għall-FSE+ u għall-Fond ta' Koeżjoni stabbiliti fl-Anness IV għar-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni għal dawn il-fondi, b'mod partikolari l-kundizzjoni abilitanti 4.4., bit-titolu "Qafas strateġiku nazzjonali għall-inklużjoni soċjali u t-tnaqqis tal-faqar"; jenfasizza l-importanza li l-Istrateġija u l-finanzjament tagħha jintrabtu mal-objettivi speċifiċi definiti preċedentement,**

jiġifieri: 1) għall-FEŻR, il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjoekonomika ta' komunitajiet marġinalizzati, unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u gruppi żvantaġġati, inklużi persuni bi bżonnijiet speċjali, permezz ta' azzjoni integrata, inklużi l-akkomodazzjoni u s-servizzi soċjali; 2) għall-FSE+, it-trawwim tal-inklużjoni attiva ħalli jiġu promossi l-opportunitajiet indaqs, in-nondiskriminazzjoni u l-parteċipazzjoni attiva, u tittejjeb l-impjegabbiltà, b'mod partikolari għall-gruppi żvantaġġati; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jiżguraw li d-dispożizzjonijiet komuni tal-FEŻR u l-FSE+ jirriflettu aħjar dawn l-objettivi speċifiċi u jinkorporaw rabta ċara mal-Istrateġija fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss;

Or. pt

Emenda 463
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jenfasizza r-rwol pożittiv tal-finanzjament Ewropew fil-finanzjament ta' proġetti innovattivi għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, u li l-kontinwazzjoni ta' dan il-finanzjament hija kruċjali biex jiġi attirat aktar finanzjament nazzjonali lejn ideat li wrew li rnexxew; jitlob li l-baġit tal-UE jagħti prijorità lill-investimenti mmirati lejn il-progress soċjali u t-tnaqqis tal-faqar u l-inugwaljanzi, bil-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) jintuża bħala fond awtonomu ddedikat għall-appoġġ tal-inklużjoni soċjali; jisħaq fuq l-importanza li tinżamm allokazzjoni finanzjarja ddedikata għall-gruppi l-aktar

żvantaġġati; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tikkunsidra simplifikazzjoni akbar tal-aċċess għall-fondi tal-UE għall-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li l-għan tagħhom huwa li jiġġieldu l-faqar u l-esklużjoni soċjali, kif ukoll rata ogħla ta' kofinanzjament għall-proġetti f'dan il-qasam;

Or. en

Emenda 464
João Oliveira, Marie Toussaint, Marit Maij, Pasquale Tridico, Hristo Petrov, Estrella Galán, Pernando Barrena Arza, Giorgos Georgiou, Lynn Boylan, Leila Chaibi, Damien Carême, Anthony Smith, Vicent Marzà Ibáñez, Marina Mesure, Sirpa Pietikäinen, Dario Tamburrano, Murielle Laurent, Eric Sargiacomo, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jenfasizza l-Garanzija Ewropea għat-Tfal bħala strument ewlieni fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali fost it-tfal; jisħaq fuq l-importanza tal-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tagħha mill-Istati Membri biex jiġi żgurat aċċess għal kura tas-saħħa , edukazzjoni, edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal effettivi u bla ħlas, u aċċess effettiv għal akkomodazzjoni adegwata, u nutrizzjoni tajba għas-saħħa għat-tfal kollha fil-bżonn;

Or. en

Emenda 465
Villy Søvndal
f'isem il-Grupp ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jenfasizza li l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) huwa l-istrument finanzjarju ewlieni tal-UE għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw fil-FSE+ wara l-2027 li sehem sinifikanti tar-riżorsi tal-FSE+ jiġi ddedikat l-ewwel għal dawn l-objettivi; jissottolinja l-importanza li l-finanzjament jiġi mmirat lejn il-gruppi l-aktar żvantaġġati;

Or. en

Emenda 466
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-investimenti fl-ambitu tal-mekkaniżmu ta' tranżizzjoni ġusta u fondi oħra relatati mal-klima jkunu allinjati mal-għanijiet kontra l-faqar, filwaqt li jipprijoritizzaw proġetti li joħolqu impjiegi ekoloġiċi, jappoġġjaw is-servizzi soċjali lokali, u jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' gruppi u reġjuni vulnerabbli;

Or. en

Emenda 467
Niels Geuking, Romana Tomc, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jistieden lill-Kummissjoni tissimplifika l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmi ta' finanzjament Ewropej kif ukoll l-aċċess għall-fondi Ewropej u l-informazzjoni dwarhom fil-livell lokali sabiex tittejjeb l-adozzjoni fl-Istati Membri;

Or. en

Emenda 468
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22b. Jenfasizza li l-ebda fond tal-UE ma għandu jintuża għall-perpetwazzjoni tas-segregazzjoni spazjali jew l-esklużjoni ta' gruppi marġinalizzati, bħar-Rom, bl-eċċezzjoni ta' investimenti f'ċentri ta' kura medika urġenti, li huma vitali għas-saħħa u l-benesseri tat-tfal u l-familji tagħhom;

Or. en

Emenda 469
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22c. Jisħaq li l-ebda finanzjament tal-UE ma għandu jintuża għal ambjenti istituzzjonali jew postijiet ta' residenza segregati, la direttament u lanqas indirettament, speċjalment għall-bini

tagħhom u għal azzjonijiet oħra li jipperpetwaw l-istituzzjonalizzazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà lil hinn minn dak li huwa strettament meħtieġ; jistieden lill-Kummissjoni, fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss u fil-programmi u fl-istrumenti ta' finanzjament settorjali rilevanti, iżżomm kundizzjoni tematika abilitanti fuq il-miżuri għat-tranżizzjoni mill-kura istituzzjonali għall-kura bbażata fil-familja u fil-komunità; jistieden ukoll lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-mekkaniżmi tal-monitoraġġ u tal-ilmenti biex tiżgura li l-finanzjament tal-UE ma jikkontribwix għall-perpetwazzjoni tal-istituzzjonalizzazzjoni jew tas-segregazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà lil hinn minn dak li huwa strettament neċessarju u tirrikjedi l-konformità sħiħa mas-CRPD u mal-leġiżlazzjoni tal-UE mill-awtoritajiet ta' ġestjoni; jistieden ukoll lill-Istati Membri jorjentaw mill-ġdid l-investimenti u r-riżorsi minn ambjenti istituzzjonali għal kura bbażata fil-komunità u appoġġ għall-persuni b'diżabbiltà;

Or. en

Emenda 470
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22d. Jilqa' l-fatt li l-pjanijiet strutturali fiskali nazzjonali fuq terminu medju, fl-ambitu tal-qafas il-ġdid ta' governanza ekonomika, iridu jispjegaw kif it-twettiq tar-riformi u l-investimenti se jindirizza r-reżiljenza soċjali u ekonomika, inkluż il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, bħala parti mill-prijoritajiet komuni tal-Unjoni; jenfasizza l-possibbiltà li l-perjodu ta' aġġustament fiskali jiġi estiż

	minn 4 għal 7 snin sabiex tkun permessa aktar flessibbiltà għat-twettiq ta' riformi u investimenti li jsaħħu r-reżiljenza soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar sakemm kull waħda mir-riformi u l-investimenti tkun dettaljata, antiċipata, marbuta biż-żmien u verifikabbli biżżejjed;

Or. en

Emenda 471
Martine Kemp, Liesbet Sommen, Regina Doherty, Sérgio Humberto

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Itenni li hemm il-ħtieġa li jiżdied b'mod urġenti l-finanzjament tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal b'baġit iddedikat ***ta' mill-anqas EUR 20 biljun***; jinsisti li dan il-baġit iddedikat jiġi integrat fil-QFP li jmiss fl-ambitu tal-FSE+.	23. Itenni li hemm il-ħtieġa li jiżdied b'mod urġenti l-finanzjament tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal b'baġit iddedikat; jinsisti li dan il-baġit iddedikat jiġi integrat fil-QFP li jmiss fl-ambitu tal-FSE+.

Or. en

Emenda 472
Séverine Werbrouck, Juan Carlos Girauta Vidal

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Itenni li hemm il-ħtieġa li jiżdied b'mod urġenti l-finanzjament tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal b'baġit iddedikat ***ta' mill-anqas EUR 20 biljun***; jinsisti li dan il-baġit iddedikat jiġi integrat fil-QFP li jmiss fl-ambitu tal-FSE+.	23. Itenni li hemm il-ħtieġa li jiżdied b'mod urġenti l-finanzjament tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal b'baġit iddedikat ***u adegwat***; jinsisti li dan il-baġit iddedikat jiġi integrat fil-QFP li jmiss fl-ambitu tal-FSE+.

Or. fr

Emenda 473
Aodhán Ó Ríordáin, Marit Maij, Isilda Gomes, Vilija Blinkevičiūtė, Idoia Mendia, Marc Angel, Alicia Homs Ginel, Romana Jerković, Cecilia Strada, Evelyn Regner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Itenni li hemm il-ħtieġa li jiżdied b'mod urġenti l-finanzjament tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal b'baġit iddedikat ta' mill-anqas EUR 20 biljun; jinsisti li dan il-baġit iddedikat jiġi ***integrat*** fil-QFP li jmiss ***fl-ambitu*** tal-FSE+.	23. Itenni li hemm il-ħtieġa li jiżdied b'mod urġenti l-finanzjament tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal b'baġit iddedikat ta' mill-anqas EUR 20 biljun; jinsisti li dan il-baġit iddedikat ***irid*** jiġi ***ankrat*** fil-QFP li jmiss ***u implimentat permezz*** tal-FSE+***, b'obbligu vinkolanti fuq kull Stat Membru biex jalloka mill-anqas 5 % tal-allokazzjoni nazzjonali tiegħu tal-FSE+ għall-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal***.

Or. en

Emenda 474
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Itenni li hemm il-ħtieġa li jiżdied b'mod urġenti l-finanzjament tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal b'baġit iddedikat ta' mill-anqas EUR 20 biljun; jinsisti li dan il-baġit iddedikat jiġi integrat fil-QFP li jmiss fl-ambitu tal-FSE+.	23. Itenni li hemm il-ħtieġa li jiżdied b'mod urġenti l-finanzjament tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal b'baġit iddedikat ta' mill-anqas EUR 20 biljun; ***jitlob aktar finanzjament f'fondi rilevanti oħra speċifikament allokati għall-inklużjoni edukattiva u l-ġlieda kontra r-rati tat-tluq bikri mill-iskola fost it-tfal;*** jinsisti li dan il-baġit iddedikat jiġi integrat fil-QFP li jmiss fl-ambitu tal-FSE+.

Or. en

Emenda 475
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Itenni ***li hemm il-ħtieġa*** li jiżdied b'mod urġenti l-finanzjament tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal b'baġit iddedikat ta' mill-anqas EUR 20 biljun; jinsisti li dan il-baġit iddedikat jiġi integrat fil-QFP li jmiss fl-ambitu tal-FSE+.	23. ***Jilqa' t-tħabbira tat-tisħiħ tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal, li tibqa' l-istrument primarju tal-UE għall-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal;*** itenni ***l-appell tiegħu*** li jiżdied b'mod urġenti l-finanzjament tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal b'baġit iddedikat ta' mill-anqas EUR 20 biljun ***sabiex ikun hemm rispons għall-isfida dejjem tikber tal-faqar fost it-tfal u l-esklużjoni soċjali***; jinsisti li dan il-baġit iddedikat jiġi integrat fil-QFP li jmiss fl-ambitu tal-FSE+***; jenfasizza li dan l-investiment fil-ġenerazzjoni li jmiss, minbarra li jiżgura l-benesseri tat-tfal, huwa investiment sod li jipprevjeni l-kostijiet soċjetali futuri[1a];***

[1a] Clarke, C. et al. (2022), "The economic costs of childhood socio-economic disadvantage in European OECD countries" (Il-kostijiet ekonomiċi tal-iżvantaġġ soċjoekonomiku tat-tfulija fil-pajjiżi Ewropej tal-OECD), Papers tal-OECD dwar il-Benesseri u l-Inugwaljanzi, Nru 9, Publikazzjoni tal-OECD, Pariġi, https://doi.org/10.1787/8c0c66b9-en.

Or. en

Emenda 476
Villy Søvndal
f'isem il-Grupp ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Itenni li hemm il-ħtieġa li jiżdied	23. Itenni li hemm il-ħtieġa li

b'mod urġenti l-finanzjament tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal b'baġit iddedikat ta' mill-anqas EUR 20 biljun; jinsisti li dan il-baġit iddedikat jiġi integrat fil-QFP li jmiss fl-ambitu tal-FSE+.	***jissaħħaħ u*** jiżdied b'mod urġenti l-finanzjament tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal b'baġit iddedikat ta' mill-anqas EUR 20 biljun; jinsisti li dan il-baġit iddedikat jiġi integrat fil-QFP li jmiss fl-ambitu tal-FSE+.

Or. en

Emenda 477
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex timmonitorja bir-reqqa l-implimentazzjoni tal-Garanzija għat-Tfal fl-Istati Membri kollha bħala parti mis-Semestru Ewropew u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż; iqis li r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż għandhom jirriflettu l-konformità baġitarja tal-Istati Membri mar-rekwiżit minimu tal-allokazzjoni meħtieġ għall-indirizzar tal-faqar fost it-tfal stabbilit fir-Regolament FSE+; jenfasizza li din l-allokazzjoni minima għall-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal kienet essenzjali fl-appoġġ tat-tfal fil-bżonn, iżda mhijiex biżżejjed fid-dawl taż-żieda fil-faqar fost it-tfal fl-UE; jistieden f'dan ir-rigward lill-Kummissjoni Ewropea tipprevedi allokazzjoni minima ta' mill-anqas 5 % għall-faqar fost it-tfal fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss għall-Istati Membri kollha, flimkien ma' mira aktar ambizzjuża ta' mill-anqas 10 % għall-Istati Membri b'rati AROPE tat-tfal ogħla mill-medja tal-UE;

Or. en

Emenda 478
João Oliveira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel disponibbli – u lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ – mir-riżorsi kollha disponibbli, inklużi l-FSE+, REACT-EU u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, biex jimplimentaw b'mod effettiv il-Garanzija għat-Tfal; jenfasizza li l-użu ta' dawn il-fondi għandu jkun trasparenti u jeħtieġ l-involviment tal-organizzazzjonijiet soċjali u ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra fl-ippjanar, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni; itenni t-talba tiegħu lill-Istati Membri biex jallokaw mill-anqas 5 % tal-fondi tal-FSE+ għal proġetti speċifiċi u investimenti strutturali li jiġġieldu l-faqar fost it-tfal, b'10 % allokati għall-Istati Membri b'livelli ta' faqar u esklużjoni soċjali fost it-tfal li jaqbżu l-medja tal-UE; jisħaq li dan il-limitu huwa biss minimu u li l-Istati Membri huma mħeġġa jużaw proporzjon ogħla tal-FSE+ biex jiġġieldu l-faqar fost it-tfal;

Or. pt

Emenda 479
Villy Søvndal
f'isem il-Grupp ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jitlob li l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri tiġi applikata fil-QFP li jmiss bħala mezz biex jiġi żgurat li l-baġit tal-UE jirrifletti l-obbligi tiegħu

skont it-Trattat;

Or. en

Emenda 480
Villy Søvndal
f'isem il-Grupp ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23b. Jinsisti fuq il-fatt li l-enerġija u t-trasport, fost elementi oħra, huma servizzi essenzjali li kulħadd għandu jkollu aċċess għalihom u li l-UE kif ukoll l-Istati Membri jeħtiġilhom jagħmlu l-almu tagħhom biex jiġġieldu l-faqar enerġetiku u tat-trasport. Ifakkar li l-Fond Soċjali għall-Klima huwa l-ewwel bażit li qatt sar fil-livell tal-UE għall-faqar enerġetiku u tat-trasport. Jinsisti għalhekk li tingħata aktar attenzjoni lill-Pjanijiet Soċjali għall-Klima li l-Istati Membri differenti huma meħtieġa jippjanaw u jimplimentaw fl-ambitu tal-fond soċjali għall-klima, b'mod partikolari jekk involvewx b'mod attiv persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, sabiex l-appoġġ ikun jista' jilħaq b'mod effettiv lil dawk li l-aktar jeħtiġuh;

Or. en

Emenda 481
João Oliveira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23b. Jisħaq li l-fondi tal-UE huma kumplessi biex jiġu ġestiti, u dan jagħmilhom diffiċli biex jiġu aċċessati

mill-organizzazzjonijiet b'anqas riżorsi tekniċi; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu ssimplifikati l-arranġamenti biex il-benefiċjarji finali jingħataw aċċess għal dawn il-fondi u li l-persunal jitħarreġ fl-awtoritajiet pubbliċi rilevanti; jissottolinja li skont ir-Regolament FSE+, ir-rata ta' kofinanzjament biex jiġu appoġġjati l-persuni l-aktar fil-bżonn trid tkun ta' 90 %, li għandha tiffaċilita l-aċċess għal dan il-finanzjament għall-programmi u attivitajiet imfassla biex jgħinu lil dawn il-popolazzjonijiet jaħarbu mill-faqar;

Or. pt

Emenda 482
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23b. Jistieden lill-Kummissjoni, fid-dawl tal-livelli għoljin ta' faqar fost it-tfal fil-pajjiżi kandidati għall-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea, tipprovdi finanzjament iddedikat għall-iżvilupp tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal fl-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni wara l-2027;

Or. en

Emenda 483
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23c. Jilqa' l-aġġornament reċenti tal-qafas ta' monitoraġġ tal-UE għall-

Garanzija għat-Tfal[1a] u l-inklużjoni ta' indikaturi ġodda biex tittejjeb l-effettività tal-monitoraġġ tal-progress fl-implimentazzjoni ta' dan l-istrument fl-Istati Membri; jissottolinja r-rwol importanti tas-sistemi ta' ġbir u monitoraġġ tad-data fil-fehim tal-ostakli li jiffaċċjaw it-tfal vulnerabbli u li jippermettu interventi mfassla apposta u allokazzjoni tar-riżorsi; jistieden lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali jkompli l-ħidma tiegħu biex itejjeb il-qafas ta' monitoraġġ sabiex iżomm ir-rilevanza tiegħu u jindirizza l-lakuni fid-data li fadal, u jistieden lill-Istati Membri jużaw dan il-qafas komuni ta' monitoraġġ filwaqt li jadattawh għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom fir-rigward tal-faqar fost it-tfal;

[1a] Il-Kummissjoni Ewropea, https://employment-social-affairs.ec.europa.eu/news/eu-framework-monitoring-implementation-european-child-guarantee-has-been-updated-2025-06-02_en.

Or. en

Emenda 484
João Oliveira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***23c. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea żżomm lura milli tinkoraġġixxi tnaqqis fis-servizzi soċjali u fl-arranġamenti tal-protezzjoni soċjali fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż imfassla bħala parti mis-Semestru Ewropew; jistieden lill-Kummissjoni teskludi l-investimenti soċjali skont l-Istrateġija għat-Tnaqqis tal-Faqar mill-**

kalkoli tad-defiċit u tad-dejn, filwaqt li tirrikonoxxi l-effett multiplikatur u l-kontribut tagħhom għall-għan li jinqered il-faqar;

Or. pt

Emenda 485
João Oliveira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23d. Jirrakkomanda koordinazzjoni u konnessjoni xierqa bejn l-Istrateġija u l-Garanzija għat-Tfal, li l-kontribut tagħha għall-indirizzar tal-faqar fost it-tfal fl-UE għandu jissaħħaħ mill-Istrateġija; jissuġġerixxi wkoll f'dan ir-rigward it-twaqqif ta' pjattaforma għall-iskambju tal-għarfien u l-prattiki tajba bejn dawk responsabbli għal dawn iż-żewġ strumenti f'diversi livelli ta' azzjoni;

Or. pt

Emenda 486
Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23d. Jisħaq fuq l-importanza li jissaħħu f'kull livell mekkaniżmi biex tiġi żgurata parteċipazzjoni sinifikanti, sigura u inklużiva tat-tfal, il-familji u l-persuni li jindukraw, b'mod partikolari dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-politiki pubbliċi dwar it-

tfal;

Or. en

Emenda 487
João Oliveira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23e. Jemmen li l-importanza tal-politika ta' koeżjoni fil-baġit totali tal-UE għandha tissaħħaħ b'mod konsiderevoli fil-perjodu wara l-2027, peress li l-Fond ta' Koeżjoni u l-fondi strutturali għandu jkollhom rwol effettiv fil-ġlieda kontra l-asimetriji bejn l-Istati Membri u ġo fihom; jemmen li, fid-dawl tal-ispejjeż tal-għajxien li qed jiżdiedu u l-impatt sostanzjali tagħhom fuq il-ħajja tal-ħaddiema u tal-familji, iż-żieda fl-inugwaljanza u fl-inġustizzji soċjali kif ukoll il-livell persistentement għoli ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali, il-QFP li jmiss jeħtieġ li jalloka b'mod sinifikanti aktar riżorsi lill-Fond Soċjali Ewropew, biex jgħin lill-Istati Membri jindirizzaw dawn l-isfidi;

Or. pt

Emenda 488
João Oliveira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23f. Jiddeplora l-intenzjoni li, bħala parti mir-rieżami ta' nofs it-terminu propost mill-Kummissjoni, il-finanzjament tal-FSE+ jiġi dirett lejn in-

nefqa militari, b'mod partikolari l-mobbiltà militari; iqis li dan ir-rieżami jmur kontra l-objettivi tal-koeżjoni soċjali u ekonomika, inkluż l-għan li jinqered il-faqar;

Or. pt